KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
RICHARD DE LA TOUR
ippreżentati fit-2 ta' Ġunju 2022 [1]

Kawża C-66/21

O.T. E.
vs
Staatssecretaris van Justitie en Veiligheid

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mir-rechtbank Den Haag (il-Qorti Distrettwali ta' Den Haag, il-Pajjiżi l-Baxxi))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Politika ta' immigrazzjoni – Prevenzjoni u ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin – Direttiva 2004/81/KE – Permess ta' residenza maħruġ għaċ-ċittadini ta' pajjiż terz, vittmi tat-traffikar tal-bnedmin – Artikolu 6 – Perijodu ta' riflessjoni – *Dies a quo* u *dies ad quem* – Projbizzjoni li jiġu eżegwiti ordnijiet ta' tneħħija matul dan il-perijodu – Kunċett ta' 'ordnijiet ta' tneħħija' – Leġiżlazzjoni nazzjonali li permezz tagħha l-vittma tista' tiġi ttrasferita lejn l-Istat Membru responsabbli mill-eżami tat-talba tagħha għall-protezzjoni internazzjonali bis-saħħa tar-Regolament (UE) Nru 604/2013 – Ammissibbiltà"

I. Introduzzjoni

1. Jista' Stat Membru, matul il-perijodu ta' riflessjoni li huwa jagħti lil persuna vittma tat-traffikar tal-bnedmin bis-saħħa tal-Artikolu 6 tad-Direttiva 2004/81/KE [2], jipproċedi bit-trasferiment tagħha lejn l-Istat Membru li huwa jqis bħala responsabbli mill-eżami tat-talba tagħha għal protezzjoni internazzjonali, skont kriterji msemmija mir-Regolament (UE) Nru 604/2013 [3]? Barra minn hekk, liema huma d-*dies a quo* u d-*dies ad quem* ta' dan it-terminu?

2. Dawn huma, essenzjalment, id-domandi li tqajjem ir-rechtbank Den Haag (il-Qorti Distrettwali ta' Den Haag, il-Pajjiżi l-Baxxi) fil-qafas ta' dan ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari.

3. Dan ir-rinviju huwa l-okkażjoni għall-Qorti tal-Ġustizzja biex tiddeċiedi, għall-ewwel darba, dwar ir-relazzjoni bejn il-proċedura prevista mid-Direttiva 2004/81, dwar il-ħruġ ta' permess ta' residenza temporanju għal ċittadin ta' pajjiż terz, vittma tat-traffikar ta' bnedmin, u l-proċedura ta' trasferiment ta' dan iċ-ċittadin lejn l-Istat Membru responsabbli mill-eżami tat-talba tiegħu

[1] Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

[2] Direttiva tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-permess ta' residenza maħruġ lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma vittmi tat-traffikar fi bnedmin jew li kienu s-suġġett ta' azzjoni għall-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali, li jikkoperaw mal-awtoritajiet kompetenti (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 7, p. 69).

[3] Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali iddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida (ĠU 2013, L 180, p. 31, rettifika fil-ĠU L 49, 25.2.2017, p. 50).

għal protezzjoni internazzjonali, li hija rregolata mir-Regolament Nru 604/2013[4]. Minkejja li d-Direttiva 2004/81 tirrikjedi li l-Istat Membru jagħti lill-vittma tat-traffikar ta' bnedmin perijodu ta' riflessjoni li fi tmiemu hija tista' tikseb dan il-permess ta' residenza inkambju mal-kooperazzjoni tagħha, ir-Regolament Nru 604/2013 jistipula, għall-kuntrarju, li l-Istat Membru għandu jipproċedi, kemm jista' jkun malajr, għat-trasferiment ta' dan iċ-ċittadin lejn l-Istat Membru li tkun saritlu t-talba għall-finijiet tal-eżami tat-talba tiegħu għall-protezzjoni internazzjonali.

4. Fl-ewwel parti ta' dawn il-konklużjonijiet, ser nesponi r-raġunijiet għalfejn inqis li l-kunċett ta' "ordnijiet ta' tneħħija", imsemmi fl-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 2004/81, ikopri l-miżuri li permezz tagħhom ċittadin ta' pajjiż terz, vittma tat-traffikar ta' bnedmin, huwa kostrett jitlaq mit-territorju tal-Istat Membru li jinsab fih, bħala konsegwenza tal-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni ta' trasferiment adottata bis-saħħa tar-Regolament Nru 604/2013. Sussegwentement, ser nispjega li, bil-projbizzjoni lil dan l-Istat Membru milli jipproċedi b'ordni ta' tneħħija matul il-perijodu ta' riflessjoni, dan l-artikolu jipprekludi li, matul dan il-perijodu, l-imsemmi Stat Membru jipproċedi bit-trasferiment ta' dan iċ-ċittadin lejn l-Istat Membru responsabbli mill-eżami tat-talba tiegħu għal protezzjoni internazzjonali, bl-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni adottata abbażi tar-Regolament Nru 604/2013.

5. Min-naħa l-oħra, ser nispjega li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom il-possibbiltà li jadottaw, matul l-imsemmi perijodu, deċiżjoni ta' trasferiment jew miżuri preparatorji għall-eżekuzzjoni tagħha, sakemm dawn il-miżuri ma jpoġġux indiskussjoni l-effett utli tal-perijodu ta' riflessjoni.

6. Fit-tieni parti ta' dawn il-konklużjonijiet, ser nispjega l-modalitajiet ta' komputazzjoni tal-perijodu ta' riflessjoni u, b'mod partikolari, id-*dies a quo* u d-*dies ad quem* tiegħu.

II. Il-kuntest ġuridiku

A. Id-dritt tal-Unjoni

1. Id-Direttiva 2004/81

7. L-Artikolu 1 tad-Direttiva 2004/81 jistipula:

"L-Iskop ta' din id-Direttiva hija li jiġu definiti l-kondizzjonijiet sabiex jingħataw permessi ta' residenza ta' durata limitata, marbuta mat-tul tal-proċeduri nazzjonali rilevanti, lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li jikkoperaw fil-ġlieda kontra t-traffikar fil-bnedmin jew kontra azzjoni sabiex tiġi ffaċilitata immigrazzjoni illegali."

8. L-Artikolu 3(1) ta' din id-direttiva jistipula:

"1. L-Istati Membru għandhom japplikaw din id-Direttiva għaċ-ċittadini tal-pajjiż terz li huma, jew kienu vittmi ta' offiżi relatati mat-traffikar fil-bnedmin, anke jekk ikunu daħlu illegalment fit-territorju ta' l-Istati Membri."

[4] Id-Direttiva 2004/81 tista' tiġi applikata wkoll għas-sitwazzjoni taċ-ċittadini ta' pajjiż terz li jkunu daħlu illegalment fit-territorju, bis-saħħa tal-Artikolu 3(2) tagħha.

9. L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 5 tal-imsemmija direttiva huwa redatt kif ġej:

"Meta l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri jieħdu l-opinjoni li ċittadin tal-pajjiż terz jista' jaqa' taħt il-qasam ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, għandhom jinfurmaw lill-persuna kkonċernata bil-possibiltajiet offerti taħt din id-Direttiva."

10. L-Artikolu 6 tal-istess direttiva, intitolat "Perjodu ta' riflessjoni", jistipula:

"1. Stati Membri għandhom jassiguraw li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi kkonċernati huma mogħtija perjodu ta' riflessjoni li jippermettilhom jirkupraw u jiskappaw l-influwenza tal-perpetraturi ta' l-offiżi sabiex ikunu jistgħu jieħdu deċiżjoni infurmata dwar jekk jikkoperawx ma' l-awtoritajiet kompetenti.

Id-Durata u l-punt ta' bidu tal-perjodu msemmi fl-ewwel subparagrafu għandhom jiġu determinati skond il-liġi nazzjonali.

2. Tul il-perjodu ta' riflessjoni u waqt li tkun mistennija d-deċiżjoni ta' l-awtoritajiet kompetenti, iċ-ċittadini tal-pajjiż terz ikkonċernat għandu jkollhom aċċess għat-trattament imsemmi fl-Artikolu 7 u m'għandux ikun possibbli li tiġi infurzata kwalunkwe ordni ta' espulsjoni kontrihom.

3. Il-Perjodu ta' riflessjoni m'għandu joħloq ebda intitolament għal residenza taħt din id-Direttiva.

4. L-Istat Membru jista' fi kwalunkwe ħin iġib fit-tmiem il-perjodu ta' riflessjoni fil-każ li l-awtoritajiet kompetenti jkunu stabbilew li l-persuna kkonċernata attivament, volontarjament u fuq l-inizjattiva proprja tiegħu/tagħha ġeddet kuntatt mal-perpetraturi ta' l-offiżi msemmija fl-Artikolu 2(b) u (ċ) jew għal raġunijiet li jirrelataw għal politika pubblika u għall-protezzjoni ta' sigurtà nazzjonali."

11. L-Artikolu 7 tad-Direttiva 2004/81, intitolat "Trattament mogħti qabel il-ħruġ tal-permess ta' residenza", jistipula:

"1. Stati Membri għandhom jassiguraw li ċ-ċittadini tal-pajjiż terz ikkonċernati li m'għandhomx riżorsi sufficjenti huma mogħtija standards ta' l-għixien kapaċi li jassiguraw l-għixien tagħhom u aċċess għal trattament mediku ta' emerġenza. Għandhom jattendu għall-ħtiġiet speċjali ta' l-iktar vulnerabbli, inkluż, meta approprjat u jekk ipprovdut mil-liġi nazzjonali, assistenza psikoloġika.

2. Stati Membri għandhom jieħdu kont tal-ħtiġiet ta' sigurtà u protezzjoni taċ-ċittadini tal-pajjiż terz ikkonċernati meta japplikaw din id-Direttiva, skond il-liġi nazzjonali.

[…]"

12. L-Artikolu 8 ta' din id-direttiva jispjega:

"1. Wara l-iskadenza tal-perjodu ta' riflessjoni, jew iktar kmieni jekk l-awtoritajiet kompetenti huma ta' l-opinjoni li ċ-ċittadin tal-pajjiż terz ikkonċernat diġà ssodisfa l-kriterju stabbilit fis-subparagrafu (b), l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw:

a) l-opportunità ppreżentata bl-estensjoni taż-żjara tiegħu/tagħha fit-territorju tiegħu/tagħha għall-investigazzjonijiet jew il-proċeduri ġudizzjarji, u

b) jekk hu/hi wrewx intenzjoni ċara ta' koperazzjoni u

c) jekk hu/hi eliminawx ir-relazzjonijiet kollha ma' dawk suspettati minn atti li jistgħu ikunu nklużi fost l-offiżi msemmija fl-Artikolu 2(b) u (ċ).

2. Għall-ħruġ tal-permess ta' residenza u mingħajr preġudizzju għar-raġunijiet li jirrelataw għal politika pubblika u għall-protezzjoni ta' sigurtà nazzjonali, is-sodisfazzjon tal-kondizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandu jkun meħtieġ.

[…]"

2. Id-dispożizzjonijiet l-oħra tad-dritt tal-Unjoni

13. Fil-qafas ta' dawn il-konklużjonijiet, ser nirreferi għall-Artikoli 21, 29, 31 u 32 tar-Regolament Nru 604/2013.

14. Ser nirreferi wkoll għad-Direttiva 2011/36/UE [5], li tiddefinixxi r-reat tat-traffikar tal-bnedmin u l-miżuri ta' assistenza u ta' protezzjoni li għandhom jingħataw lill-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin, kif ukoll għad-Direttiva 2012/29/UE [6].

B. Id-dritt tal-Pajjiżi l-Baxxi

15. Il-parti inizjali u l-punt k tal-Artikolu 8 tal-Vreemdelingenwet 2000 (il-Liġi tal-2000 dwar il-Barranin) [7], tat-23 ta' Novembru 2000, jistipulaw dan li ġej:

"Persuna barranija għandha d-dritt li tirrisjedi b'mod regolari fil-Pajjiżi l-Baxxi biss:

[…]

k. matul il-perijodu li fih il-Ministru jpoġġiha f'pożizzjoni li tressaq ilment għal ksur tal-Artikolu 273f [8] tal-Wetboek van Strafrecht [il-Kodiċi Kriminali [9]];".

[5] Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/629/ĠAI (ĠU 2011, L 101, p. 1).

[6] Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2001/220/ĠAI (ĠU 2012, L 315, p. 57).

[7] Stb. 2000, Nru 495, iktar 'il quddiem il-"Liġi tal-2000 dwar il-Barranin".

[8] Dwar it-traffikar tal-bnedmin.

[9] Iktar 'il quddiem il-"Kodiċi Kriminali".

16. Bis-saħħa tal-Artikolu 11(1) u (2) tal-Liġi dwar il-Barranin, iċ-ċittadini ta' pajjiż terz jibbenefikaw, matul il-perijodu ta' riflessjoni, minn miżuri ta' assistenza previsti fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 2004/81.

17. L-Artikolu 30(1) tal-Liġi dwar il-Barranin jispjega li talba għall-ħruġ ta' permess ta' residenza għal perijodu limitat ma tiġix eżaminata jekk ġie stabbilit, skont ir-Regolament Nru 604/2013, li huwa Stat Membru ieħor li huwa responsabbli mill-eżami tat-talba.

18. Il-modalitajiet relatati mal-għoti tal-perijodu ta' riflessjoni huma stabbiliti mill-Vreemdelingencirculaire 2000 (Ċirkulari tal-2000 dwar il-barranin)[10], b'mod partikolari fit-taqsima B8/3.1 tagħha, li tistipula dan li ġej:

"Il-(Koninklijke Marechaussee (il-Forzi tal-Ordni militari, il-Pajjiżi l-Baxxi)) għandhom l-istess setgħat bħal dawk li għandu l-Kap tal-Pulizija nazzjonali sa fejn ikun hemm indizji ta' traffikar uman f'dak li jirrigwarda barrani.

[…]

L-Immigratie- en Naturalisatiedienst (id-Dipartiment tal-Immigrazzjoni u tan-Naturalizzazzjoni, il-Pajjiżi l-Baxxi[11]] jagħmel distinzjoni bejn tliet sitwazzjonijiet fil-qasam tad-dritt ta' residenza f'dak li jirrigwarda d-dritt ta' residenza temporanja tal-vittmi u tax-xhieda-whistleblowers tat-traffikar tal-bnedmin:

1. il-perijodu ta' riflessjoni għall-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin;

2. il-permess ta' residenza għall-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin; u

3. il-permess ta' residenza għax-xhieda-whistleblowers tat-traffikar tal-bnedmin.

Par 1. Il-perijodu ta' riflessjoni

Skont [il-parti inizjali] [u] l-punt k [tal-Artikolu 8] tal-[Liġi dwar il-barranin], l-allegati vittmi tat-traffikar tal-bnedmin għandhom jingħataw perijodu ta' riflessjoni ta' massimu ta' tliet xhur, li matulu għandhom jiddeċiedu jekk iridux iressqu lment dwar traffikar tal-bnedmin jew jikkooperaw b'mod ieħor b'informazzjoni jew f'investigazzjoni kriminali fuq persuna ssuspettata bi traffikar ta' bnedmin jew fi proċedura ġudizzjarja ta' din il-persuna fuq il-mertu, jew jekk jirrinunzjawx għal dan.

Il-Pulizija jew il-Kap Kmandant tal-Forzi tal-Ordni militari għandhom joffru lill-allegata vittma perijodu ta' riflessjoni mal-inqas indizju li hemm involut traffikar ta' bnedmin u/jew fuq intervent tal-Inspectie Sociale Zaken en Werkgelegenheid (l-Ispettorat tal-Affarijiet Soċjali u tal-Impjiegi, il-Pajjiżi l-Baxxi) […]

Matul il-perijodu ta' riflessjoni, id-DIN għandu jissospendi t-tluq barra mill-Pajjiżi l-Baxxi tal-allegata vittma tat-traffikar tal-bnedmin.

Il-perijodu ta' riflessjoni huwa perijodu li jingħata biss darba u li ma jistax jiġi estiż.

[10] Iktar 'il quddiem iċ-"Ċirkulari dwar il-barranin".

[11] Iktar 'il quddiem id-"DIN".

Il-perijodu ta' riflessjoni huwa miftuħ esklużivament għall-barranin li huma residenti b'mod illegali fil-Pajjiżi l-Baxxi u li:

– qed jipparteċipaw jew ipparteċipaw f'sitwazzjoni bħal dik ikkontestata fl-Artikolu 273f tal-Kodiċi Kriminali;

– għadhom ma pparteċipawx fil-Pajjiżi l-Baxxi f'sitwazzjoni bħal dik ikkontestata fl-Artikolu 273f tal-Kodiċi Kriminali, iżda li madankollu huma eventwalment vittmi tat-traffikar tal-bnedmin; jew

– ma kellhom l-ebda aċċess għall-Pajjiżi l-Baxxi, iżda li madankollu huma eventwalment vittmi tat-traffikar tal-bnedmin, filwaqt li huwa mifhum li l-Forzi tal-Ordni militari, jekk hemm bżonn b'konsultazzjoni mal-[prosekuzzjoni], joffru l-perijodu ta' riflessjoni mal-inqas indizju ta' traffikar ta' bnedmin.

[…]

Matul il-perijodu ta' riflessjoni, l-allegata vittma għandha tippreženta ruħha darba fix-xahar quddiem l-unità reġjonali tal-Pulizija jew tal-Forzi tal-Ordni militari li magħha ġiet assenjata amministrattivament.

Il-perijodu ta' riflessjoni jintemm fil-mument li fih:

– il-Pulizija jew il-Forzi tal-Ordni militari jikkonstataw li, matul il-perijodu ta' riflessjoni, l-allegata vittma telqet "lejn destinazzjoni mhux magħrufa";

– l-allegata vittma tindika, matul il-perijodu ta' riflessjoni, li qed tirrinunzja milli tagħmel ilment jew milli tikkoopera b'xi mod ieħor b'informazzjoni jew f'investigazzjoni kriminali fuq il-persuna ssuspettata bi traffikar ta' bnedmin jew fi proċedura ġudizzjarja ta' din il-persuna fuq il-mertu;

– l-allegata vittma lmentat minn traffikar tal-bnedmin u ffirmat il-proċess verbali, jew ikkooperat b'informazzjoni jew f'investigazzjoni kriminali fuq il-persuna ssuspettata bi traffikar ta' bnedmin jew fi proċedura ġudizzjarja ta' din il-persuna fuq il-mertu; jew

– l-allegata vittma tressaq talba għal permess ta' residenza (abbażi ta' raġuni oħra differenti minn dik ta' dan il-paragrafu).

Meta jintemm il-perijodu ta' riflessjoni, id-DIN ineħħi s-sospensjoni tat-tluq."

III. Il-fatti tal-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

19. Fis-26 ta' April 2019, ir-rikorrent fil-kawża prinċipali, ta' nazzjonalità Niġerjana, ressaq talba għal protezzjoni internazzjonali lill-Pajjiżi l-Baxxi, wara li preċedentement kien ressaq tliet talbiet għal protezzjoni internazzjonali fl-Italja u talba addizzjonali fil-Belġju.

20. Bis-saħħa tal-parti inizjali tal-Artikolu 18(1) u tal-Artikolu 18(d) tar-Regolament Nru 604/2013, fit-3 ta' Ġunju 2019, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi bagħat lir-Repubblika Taljana talba sabiex il-persuna kkonċernata tittieħed lura, li ġiet aċċettata fit-13 ta' Ġunju 2019.

21. Is-seduta preliminari saret fis-26 ta' April 2019 u, permezz ta' posta elettronika tat-30 ta' Lulju 2019, il-persuna kkonċernata ddikjarat li riedet tressaq ilment mal-awtoritajiet tal-pulizija inkwantu hija allegatament kienet vittma ta' traffikar tal-bnedmin fl-Italja u li kienet għarfet lil wieħed mill-awturi ta' dan il-ksur f'ċentru tal-akkoljenza tal-Pajjiżi l-Baxxi. Dwar dan huwa nstema' mill-Pulizija tal-Immigrazzjoni. Permezz ta' deċiżjoni tat-12 ta' Awwissu 2019, l-iStaatssecretaris van Justitie en Veiligheid (is-Segretarju tal-Istat għall-Ġustizzja u għas-Sigurtà, il-Pajjiżi l-Baxxi) irrifjuta t-talba għal protezzjoni internazzjonali tal-persuna kkonċernata minħabba li r-Repubblika Taljana kienet l-Istat Membru responsabbli mill-eżami tagħha u ordna li tiġi ttrasferita lejn l-Italja.

22. Fit-3 ta' Ottubru 2019, ir-rikorrent fil-kawża prinċipali ressaq ilment quddiem l-awtoritajiet tal-Pajjiżi l-Baxxi abbażi tal-fatt li kien vittma ta' traffikar ta' bnedmin.

23. Wara eżami, l-Uffiċju tal-Prosekutur tal-Pajjiżi l-Baxxi kkonkluda li fil-Pajjiżi l-Baxxi ma kien hemm l-ebda indizju li jsostni l-ilment tal-persuna kkonċernata u li l-kooperazzjoni ta' din tal-aħħar fl-investigazzjoni kriminali fil-Pajjiżi l-Baxxi għalhekk ma kinitx neċessarja. L-ilment tagħha għalhekk ġie arkivjat mingħajr ebda azzjoni.

24. Ir-rikorrent fil-kawża prinċipali ppreżenta rikors kontra d-deċiżjoni tat-12 ta' Awwissu 2019 quddiem il-qorti tar-rinviju. Huwa jsostni, b'mod partikolari, li din id-deċiżjoni hija illegali sa fejn, skont l-Artikolu 6 tad-Direttiva 2004/81, huwa kellu jingħata perijodu ta' riflessjoni.

25. Skont il-qorti tar-rinviju, id-domandi li jqumu huma dawk dwar jekk, f'xi mument mit-30 ta' Lulju 2019 'il quddiem, ir-rikorrent kellux jingħata l-perijodu ta' riflessjoni previst fl-Artikolu 6 ta' din id-direttiva u jekk, f'każ ta' risposta pożittiva, kienx possibbli għas-Segretarju tal-Istat għall-Ġustizzja u għas-Sigurtà, minkejja li dan il-perijodu ta' riflessjoni ma kienx ingħata, li jieħu miżuri sabiex jipprepara t-tneħħija tar-rikorrent mit-territorju tal-Pajjiżi l-Baxxi u jekk – bħala segwitu għal din il-kwistjoni – id-deċiżjoni tat-12 ta' Awwissu 2019 tikkostitwixxix ordni ta' tneħħija. Barra minn hekk, din il-qorti tistaqsi dwar il-konsegwenzi li għandhom jiġu misluta mill-fatt li, minbarra l-elementi indikati fiċ-Ċirkolari dwar il-Barranin, id-dritt nazzjonali la jistabbilixxi t-tul u lanqas il-punt ta' tluq tal-imsemmi perijodu ta' riflessjoni u li, għalhekk, l-Artikolu 6(1) tal-imsemmija direttiva ma ġiex traspost fid-dritt tal-Pajjiżi l-Baxxi.

26. F'dawn iċ-ċirkustanzi, ir-rechtbank Den Haag (il-Qorti Distrettwali ta' Den Haag) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel id-domandi preliminari segwenti lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1a) Peress li r-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi naqas milli jistabbilixxi konformement mad-dritt nazzjonali l-punt li fih jibda l-perijodu ta' riflessjoni ggarantit fl-Artikolu 6(1) tad-[Direttiva 2004/81] din id-dispożizzjoni għandha tiġi interpretata fis-sens li l-perijodu ta' riflessjoni jibda *ipso iure* fil-mument li fih iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jinnotifika (jikkomunika) t-traffikar ta' bnedmin lill-awtoritajiet tal-Pajjiżi l-Baxxi?

1b) Peress li r-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi naqas milli jistabbilixxi konformement mad-dritt nazzjonali t-tul ta' żmien tal-perijodu ta' riflessjoni ggarantit fl-Artikolu 6(1) tad-[Direttiva 2004/81], din id-dispożizzjoni għandha tiġi interpretata fis-sens li l-perijodu ta' riflessjoni jintemm *ipso iure* wara li jitressaq ilment dwar traffikar ta' bnedmin jew wara li ċ-ċittadin ikkonċernat ta' pajjiż terz jindika li jirrinunzja li jressaq tali lment?

2) Ordnijiet ta' tneħħija fis-sens tal-Artikolu 6(2) tad-[Direttiva 2004/81] għandhom jinftiehmu fis-sens li jinkludu ordnijiet intiżi għat-tneħħija ta' ċittadin ta' pajjiż terz mit-territorju tal-Istat Membru lejn it-territorju ta' Stat Membru ieħor?

3a) L-Artikolu 6(2) tad-[Direttiva 2004/81] jipprekludi l-adozzjoni ta' deċiżjoni ta' trasferiment matul il-perijodu ta' riflessjoni ggarantit fl-ewwel paragrafu ta' dan l-artikolu?

3b) L-Artikolu 6(2) tad-[Direttiva 2004/81] jipprekludi, matul il-perijodu ta' riflessjoni ggarantit fl-ewwel paragrafu ta' dan l-artikolu, l-infurzar ta' deċiżjoni ta' trasferiment li diġà ttieħdet, jew it-tħejjija għal tali infurzar?"

27. Il-Gvern Ċek, Ġermaniż u tal-Pajjiżi l-Baxxi kif ukoll il-Kummissjoni Ewropea ppreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub.

28. Barra minn hekk, il-partijiet ġew mistiedna jirrispondu għall-mistoqsijiet bil-miktub magħmula mill-Qorti tal-Ġustizzja u, b'mod partikolari, sabiex jiddikjaraw il-pożizzjoni tagħhom fuq is-sitwazzjoni kif ukoll dwar is-sens li fih għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni, sabiex tingħata risposta għad-domandi preliminari, kemm dispożizzjonijiet relatati mal-prevenzjoni tat-traffikar tal-bnedmin u mal-protezzjoni tal-vittmi tiegħu, imsemmija fid-Direttiva 2011/36, kif ukoll regoli relatati mad-drittijiet tal-vittmi tal-kriminalità, espressi fid-Direttiva 2012/29.

IV. Analiżi

A. Osservazzjonijiet preliminari

29. Qabel ma nipproċedi bl-eżami ta' dawn id-domandi, nixtieq nagħmel żewġ osservazzjonijiet.

30. L-ewwel waħda tirrigwarda l-ordni li biha qed nipproponi li nittratta dawn id-domandi.

31. Fil-fatt, qabel kollox ser nibda l-analiżi tiegħi bl-eżami tal-kwistjoni ta' prinċipju li tqajjem it-tieni domanda preliminari, jiġifieri l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "ordni ta' tneħħija", użata mil-leġiżlatur tal-Unjoni Ewropea fl-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 2004/81. Il-qorti tar-rinviju tistaqsi, effettivament, dwar jekk dan il-kunċett ikoprix miżura li permezz tagħha Stat Membru jittrasferixxi lil ċittadin ta' pajjiż terz lejn Stat Membru ieħor, bis-saħħa tar-Regolament Nru 604/2013.

32. Għal finijiet ta' koerenza, sussegwentement ser inkompli bl-eżami tat-tielet domanda preliminari, li tirrigwarda s-sitwazzjoni li fiha Stat Membru jista', matul il-perijodu ta' riflessjoni previst fl-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2004/81, jibda proċedura ta' trasferiment kontra ċ-ċittadin ta' pajjiż terz, vittma tat-traffikar tal-bnedmin. B'mod partikolari, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk, minn naħa, deċiżjoni ta' trasferiment tistax tiġi adottata [punt a)] u, min-naħa l-oħra, jekk tali deċiżjoni ta' trasferiment, adottata qabel il-bidu tal-perijodu ta' riflessjoni, tistax tiġi infurzata jew tibda t-tħejjija għall-infurzar tagħha [punt b)].

33. Finalment, intemm l-analiżi tiegħi permezz tal-eżami tal-ewwel domanda preliminari, dwar il-komputazzjoni tat-termini applikabbli għall-perijodu ta' riflessjoni. Fin-nuqqas ta' miżura ta' traspożizzjoni nazzjonali, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, effettivament, lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tistabbilixxi d-*dies a quo* u d-*dies ad quem* applikabbli għal dan il-perijodu.

34. It-tieni osservazzjoni tirrigwarda r-regoli li permezz tagħhom ser neżamina t-tieni u t-tielet domandi preliminari, relatati mal-portata tal-projbizzjoni li tiġi eżegwita kwalunkwe ordni ta' tneħħija matul il-perijodu ta' riflessjoni.

35. Fil-fatt, fl-osservazzjonijiet tagħhom, il-Gvern Ġermaniż u dak tal-Pajjiżi l-Baxxi pproponew li r-risposta għal dawn id-domandi għandha tingħata billi jiġu analizzati t-termini, l-istruttura u l-għan tar-Regolament Nru 604/2013. Dan l-approċċ jirrifletti tendenza qawwija ta' dawn il-partijiet u tal-Kummissjoni li jagħtu preferenza lill-effikaċja tal-proċeduri ta' trasferiment previsti f'dan ir-regolament. Minkejja l-interess ta' dan l-approċċ, naħseb li l-portata tal-projbizzjoni prevista fl-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 2004/81 għandha qabel kollox tkun eżaminata fir-rigward tal-kliem ta' din id-dispożizzjoni, tal-istruttura tagħha u tal-għan tagħha, fil-kuntest tal-mekkaniżmu tal-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin li fih taqa' din id-direttiva.

36. Fil-fatt, minkejja li d-Direttiva 2004/81 u r-Regolament Nru 604/2013 it-tnejn li huma jikkontribwixxu għall-ħolqien tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, madankollu, huma jaqgħu taħt sistemi proprji u distinti u jsegwu għanijiet differenti.

37. Id-Direttiva 2004/81 hija strument ta' ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin, applikabbli għal kwalunkwe status tal-vittma. Din id-direttiva tirrigwarda l-kundizzjonijiet ta' residenza taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi, vittmi tat-traffikar tal-bnedmin jew li kienu s-suġġett ta' azzjoni għall-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali fit-territorju tal-Istati Membri, u tistipula, b'mod partikolari, il-ħruġ ta' permess ta' residenza lil dawk fosthom li, fl-iskadenza tal-perijodu ta' riflessjoni, jiddeċiedu li jikkooperaw għall-finijiet tal-investigazzjoni kriminali u/jew tal-proċedura ġudizzjarja. Din id-direttiva għandha għalhekk tikkontribwixxi għall-effikaċja tal-ġlieda kontra n-netwerks ta' traffikar tal-bnedmin jew ta' immigrazzjoni illegali, filwaqt li tipproteġi l-vittmi ta' dawn ir-reati.

38. Min-naħa l-oħra, ir-Regolament Nru 604/2013 jaqa' fil-kuntest tal-ġestjoni tal-flussi migratorji. Huwa jaqa' fis-sistema ta'ażil Ewropew komuni u huwa bbażat fuq proċedura ta' eżami ta' natura purament amministrattiva, fejn il-problema hija kif jiġi identifikat, skont il-kriterji msemmija mir-regolament, l-Istat Membru responsabbli mill-eżami ta' talba għall-protezzjoni internazzjonali li lejh l-applikant ser jiġi eventwalment ittrasferit u li fih huwa ser jibbenefika, jekk ikun il-każ, minn permess ta' residenza bħala benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali.

39. Sitwazzjoni bħal dik f'dan il-każ tqajjem il-kwistjoni dwar ir-relazzjoni ta' dawn iż-żewġ proċeduri. Fil-fatt, l-implimentazzjoni tagħhom fl-istess ħin twassal fiha nnifisha għal paradoss: filwaqt li d-Direttiva 2004/81 hija intiża sabiex tagħti liċ-ċittadin ta' pajjiż terz kopert minnha permess ta' residenza temporanju fit-territorju tal-Istat Membru li fih huwa ġie identifikat bħala vittma tat-traffikar tal-bnedmin u li fih huwa ressaq ilment, ir-Regolament Nru 604/2013 jistabbilixxi, min-naħa l-oħra, f'termini ristretti, it-trasferiment ta' din il-persuna lejn Stat Membru ieħor jekk l-Istat Membru li fih hija tinsab ma huwiex responsabbli mill-eżami tat-talba tagħha għall-protezzjoni internazzjonali.

40. Ir-relazzjoni tal-proċeduri msemmija tirrikjedi li jiġi żviluppat approċċ ekwilibrat li jieħu inkunsiderazzjoni, mingħajr dubju, l-effikaċja tal-proċeduri msejħa "Dublin", iżda fuq kollox, fl-opinjoni tiegħi, tal-vulnerabbiltà tal-persuna kkonċernata, kemm minħabba l-istatus tagħha bħala vittma koperta mid-Direttiva 2004/81 kif ukoll minħabba l-istatus tagħha bħala applikant għal protezzjoni internazzjonali.

B. Il-portata tal-projbizzjoni li tiġi infurzata kull ordni ta' tneħħija matul il-perijodu ta' riflessjoni previst fl-Artikolu 6 tad-Direttiva 2004/81

1. Fuq it-tieni domanda preliminari, relatata mal-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "ordni ta' tneħħija" użat fl-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 2004/81

41. Permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk il-kunċett ta' "ordni ta' tneħħija", imsemmi fl-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 2004/81, ikoprix is-sitwazzjoni li permezz tagħha Stat Membru jittrasferixxi liċ-ċittadin ta' pajjiż terz, vittma ta' traffikar ta' bnedmin, lejn Stat Membru ieħor, skont l-Artikolu 26 tar-Regolament Nru 604/2013.

42. Fi kliem ieħor, din il-qorti tixtieq tistabbilixxi jekk tali kunċett ikoprix il-miżuri kollha li permezz tagħhom ċittadin ta' pajjiż terz huwa kostrett li jitlaq mit-territorju ta' Stat Membru, bħal fil-każ ta' ordni ta' trasferiment lejn Stat Membru ieħor, jew, għall-kuntrarju, jekk il-kunċett ta' "tneħħija" jinkludix biss is-sitwazzjonijiet li fihom ċittadin ta' pajjiż terz huwa kostrett jitlaq mit-territorju tal-Unjoni, b'tali mod li trasferiment adottat skont dan ir-Regolament Nru 604/2013 jiġi eskluż minn din il-klassifikazzjoni.

43. L-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 2004/81 jistipula li "[t]ul il-perjodu ta' riflessjoni u waqt li tkun mistennija d-deċiżjoni ta' l-awtoritajiet kompetenti, iċ-ċittadini tal-pajjiż terz ikkonċernat għandu jkollhom aċċess għat-trattament imsemmi fl-Artikolu 7 u m'għandux ikun possibbli li tiġi infurzata kwalunkwe ordni ta' espulsjoni kontrihom".

44. It-termini tal-Artikolu 6(2) ta' din id-direttiva ma jagħtu l-ebda indikazzjoni dwar il-portata ġeografika tal-kunċett ta' "tneħħija". Il-leġiżlatur tal-Unjoni lanqas ma jiddefinixxi dan il-kunċett fil-qafas tal-imsemmija direttiva. Huwa jillimita ruħu sabiex jispjega, fl-Artikolu 2(d) tal-istess direttiva li "miżura sabiex tiġi applikata l-ordni ta' espulsjoni" għandha tinftiehem bħala "kwalunkwe miżura meħuda minn Stat Membru sabiex tiġi applikata d-deċiżjoni ta' l-awtoritajiet kompetenti li tordna l-espulsjoni ta' ċittadin ta' pajjiż terz".

45. L-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 2004/81 lanqas ma jinkludi riferiment għad-dritt nazzjonali tal-Istati Membri. Il-kunċett ta' "tneħħija" li jinsab f'dan l-artikolu għandu b'hekk jinftiehem bħala li huwa kunċett awtonomu tad-dritt tal-Unjoni. Sa fejn dan il-kunċett huwa diġà ddefinit fil-punt 5 tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2008/115/KE[12], li taqa', bħad-Direttiva 2004/81, taħt il-politika ta' immigrazzjoni tal-Unjoni, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tagħmel riferiment għalih.

46. Fid-Direttiva 2008/115, il-kunċett ta' "tneħħija" huwa ddefinit fl-Artikolu 3(5) tagħha bħala "l-infurzar ta' l-obbligu ta' ritorn, jiġifieri *t-trasport fiżiku barra mill-Istat Membru*". Id-deċiżjoni ta' ritorn hija ddefinita, min-naħa tagħha, fil-punt 3 tal-Artikolu 3 ta' din id-direttiva bħala l-proċess għaċ-ċittadin ta' pajjiż ta' "tluq lura" lejn il-pajjiż tal-oriġini tiegħu, jew lejn pajjiż ta' tranżitu jew lejn pajjiż terz ieħor. Fid-dawl ta' dawn id-definizzjonijiet, deċiżjoni ta' tneħħija u deċiżjoni ta' ritorn, anki jekk ikunu adottati fil-qafas ta' proċedura jew ta' att wieħed, għandhom portata differenti. It-tneħħija hija l-miżura li permezz tagħha ċ-ċittadin ta' pajjiż terz għandu jitlaq mit-territorju tal-Istat Membru li jinsab fih, filwaqt li, fil-kuntest tad-Direttiva 2008/115, ir-ritorn huwa l-operazzjoni li permezz tagħha dan iċ-ċittadin għandu jmur f'pajjiż terz, f'pajjiż ta' tranżitu

[12] Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment (ĠU 2008, L 348, p. 98).

jew jidħol lura fil-pajjiż tal-oriġini tiegħu, jiġifieri barra mit-territorju tal-Unjoni. Skont l-Artikolu 8(3) ta' din id-direttiva, l-Istati Membri jistgħu b'hekk jordnaw it-tneħħija tal-persuna kkonċernata f'att ta' natura amministrattiva jew ġudizzjarja, distinta mid-deċiżjoni ta' ritorn, preċedentement jew sussegwentement għall-adozzjoni ta' din id-deċiżjoni, peress li kull wieħed minn dawn l-atti jissodisfa r-rekwiżiti proċedurali msemmija fl-Artikolu 12 tal-imsemmija direttiva u li jistgħu jkunu s-suġġett ta' rikors ġudizzjarju [13].

47. Fis-sentenza tat-30 ta' Settembru 2020, CPAS de Seraing [14], il-Qorti tal-Ġustizzja b'hekk għamlet distinzjoni bejn miżura ta' tneħħija u deċiżjoni ta' ritorn fit-termini segwenti: "mill-Artikolu 3(3) sa (5) tad-Direttiva 2008/115 jirriżulta li, mid-definizzjoni tagħha stess, deċiżjoni ta' ritorn timponi obbligu, fuq iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat minnha, li jirritorna lejn pajjiżi terzi, *filwaqt li* l-kunċett ta' "tneħħija" jiddenota t-trasferiment fiżiku ta' dan iċ-ċittadin ta' pajjiż terz il-barra mill-Istat Membru kkonċernat" [15]. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, id-deċiżjoni li tordna t-tneħħija "għandha, minnha nnifisha, l-effett li tipprekludi liċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat milli jkun jista' jibqa' temporanjament *fit-territorju ta' dan l-Istat Membru* [16]".

48. Minn dawn l-elementi testwali u ġurisprudenzjali jirriżulta li miżura hija kklassifikata bħala "ordni ta' tneħħija" meta għandha l-effett li ġġiegħel lil ċittadin ta' pajjiż terz jitlaq mit-territorju tal-Istat Membru li huwa jinsab fih. Sa fejn deċiżjoni ta' trasferiment meħuda skont ir-Regolament Nru 604/2013 tistipula obbligu, għaċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat, li jmur lejn l-Istat Membru responsabbli mill-eżami tat-talba tiegħu għal protezzjoni internazzjonali (l-Istat Membru li tkun saritlu t-talba), l-eżekuzzjoni ta' tali deċiżjoni timplika, fiha nnifisha, it-tneħħija ta' dan iċ-ċittadin mit-territorju tal-Istat Membru li fih huwa ressaq it-talba għal protezzjoni internazzjonali tiegħu (l-Istat Membru li jagħmel it-talba).

49. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, nipproponi, konsegwentement, lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tiddeċiedi li l-kunċett ta' "ordni ta' tneħħija", imsemmi fl-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 2004/81, għandu jiġi interpretat fis-sens li jkopri l-miżuri li permezz tagħhom ċittadin ta' pajjiż terz, vittma tat-traffikar tal-bnedmin, huwa kostrett jitlaq mit-territorju tal-Istat Membru li jinsab fih, bħala konsegwenza tal-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni ta' trasferiment adottata skont ir-Regolament Nru 604/2013.

2. Fuq it-tielet domanda preliminari, relatata mal-modalitajiet ta' implimentazzjoni ta' proċedura ta' trasferiment matul il-perijodu ta' riflessjoni

50. Permezz tat-tielet domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 2004/81 għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi, li matul il-perijodu ta' riflessjoni previst fl-Artikolu 6(1) ta' din id-direttiva, minn naħa, deċiżjoni ta' trasferiment tistax tiġi adottata [punt a)] u, min-naħa l-oħra, jekk deċiżjoni ta' trasferiment adottata qabel il-bidu tal-perijodu ta' riflessjoni tistax tiġi infurzata jew tibda t-tħejjija għall-infurzar tagħha [punt b).

13 Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2008/115.

14 C-402/19, EU:C:2020:759.

15 Punt 44 ta' din is-sentenza, korsiv miżjud minni.

16 Punt 45 tal-imsemmija sentenza, korsiv miżjud minni.

51. Infakkar li, skont l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 2004/81, il-leġiżlatur tal-Unjoni jipprojbixxi lill-Istat Membru milli "jinforza" ordni ta' tneħħija fir-rigward taċ-ċittadin ta' pajjiż terz, vittma tat-traffikar tal-bnedmin, matul il-perijodu ta' riflessjoni li jingħatalu bis-saħħa tal-paragrafu 1 ta' dan l-artikolu.

52. Fid-dawl tal-kliem tal-Artikolu 6 ta' din id-direttiva, fir-raġunament sussegwenti tiegħi, ser nagħmel distinzjoni bejn żewġ sitwazzjonijiet.

53. L-ewwel sitwazzjoni hija dik li hija espressament ipprojbita mil-leġiżlatur tal-Unjoni, jiġifieri l-*infurzar* ta' ordni ta' tneħħija.

54. It-tieni sitwazzjoni hija dik li fiha, fin-nuqqas ta' indikazzjoni kuntrarja fit-test tal-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 2004/81, l-Istat Membru jista' jadotta, matul dan il-perijodu ta' riflessjoni, deċiżjoni ta' trasferiment fir-rigward tal-vittma tat-traffikar tal-bnedmin, jew il-miżuri ta' tħejjija għall-infurzar ta' dan it-trasferiment, mingħajr madankollu ma jkun ipproċeda għat-trasferiment stess taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat.

a) Il-projbizzjoni li tiġi infurzata deċiżjoni ta' trasferiment matul il-perijodu ta' riflessjoni

55. Fid-dawl tal-argument preċedenti, il-projbizzjoni tal-infurzar ta' ordni ta' tneħħija, fl-opinjoni tiegħi, twassal għall-projbizzjoni tal-infurzar ta' deċiżjoni ta' trasferiment fir-rigward tal-vittma tat-traffikar tal-bnedmin matul il-perijodu ta' riflessjoni li jingħatalha.

56. Hekk kif ser nuri hawnhekk, din l-interpretazzjoni hija neċessarja fir-rigward tal-effett utili tal-proċedura tal-ħruġ ta' permess ta' residenza previst mid-Direttiva 2004/81, kif ukoll tal-għanijiet li l-leġiżlatur tal-Unjoni jixtieq li jintlaħqu.

57. Skont l-Artikolu 1 tagħha, din id-direttiva għandha l-għan li tiddefinixxi l-kundizzjonijiet sabiex jingħata permess ta' residenza għal perijodu limitat liċ-ċittadini ta' pajjiż terz li jikkooperaw fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin billi jieħdu sehem fl-investigazzjoni kriminali jew fil-proċedura ġudizzjarja [17].

58. F'dan il-kuntest, għandu jitfakkar li d-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva huma applikabbli, skont l-Artikolu 3(1) tagħha, "għaċ-ċittadini tal-pajjiż terz li huma, jew kienu vittmi ta' offiżi relatati mat-traffikar fil-bnedmin […]".

[17] Ara l-premessi 8 u 9 tad-Direttiva 2004/81 u l-premessa 17 tad-Direttiva 2011/36.

59. Il-klassifikazzjoni ta' "vittma" hija ddefinita fl-Artikolu 2(1)(a)(i) tad-Direttiva 2012/29 bħala "persuna fiżika li ġarrbet ħsara, inkluż dannu fiżiku, mentali jew emozzjonali jew telf finanzjarju, li kien direttament ikkawżat minn reat kriminali". Il-klassifikazzjoni ta' vittma ta' reat kriminali hija indipendenti mil-legalità tar-residenza jew tal-istatus ta' resident tal-persuna kkonċernata fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat [18].

60. Barra minn hekk, il-leġiżlatur tal-Unjoni jiddefinixxi r-reat tat-traffikar tal-bnedmin fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2011/36 [19], li jirreferi għall-Artikolu 2(c) tad-Direttiva 2004/81 [20].

61. Mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva, kif stabbilit fl-Artikolu 3(1) tagħha moqri fid-dawl tad-Direttivi 2011/36 u 2012/29, jirriżulta li l-proċedura tal-ħruġ ta' permess ta' residenza temporanja, li fiha jaqa' l-perijodu ta' riflessjoni, tista' tintuża biss sa fejn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jqisu li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jista' jiġi kklassifikat bħala "vittma tat-traffikar tal-bnedmin".

62. Il-fażijiet differenti tal-proċedura tal-ħruġ tal-permess ta' residenza temporanja huma mfassla skont l-istatus partikolari ta' vittma li għandu ċ-ċittadin ta' pajjiż terz, iżda wkoll skont il-gravità tar-reat kriminali inkwistjoni. Kull waħda minn dawn il-fażijiet timplika li l-vittma jinsab fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat matul il-perijodu ta' riflessjoni li jingħatalu u li l-infurzar ta' kwalunkwe ordni ta' trasferiment adottata fil-konfront tiegħu għandha tiġi, għalhekk, sospiża.

1) Id-dmir ta' għoti ta' informazzjoni li għandu l-Istat Membru

63. Il-fażijiet differenti tal-proċedura tal-ħruġ tal-permess ta' residenza temporanju huma ddefiniti fil-Kapitolu II tad-Direttiva 2004/81.

64. Din il-proċedura tibda bl-għoti tal-informazzjoni minn qabel lill-vittma potenzjali tat-traffikar tal-bnedmin, skont l-Artikolu 5 ta' din id-direttiva [21].

65. Bis-saħħa ta' dan l-artikolu, dan id-dmir ta' għoti ta' informazzjoni jaqa' fuq l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti mill-mument li fih huma "*jieħdu l-opinjoni* li ċittadin tal-pajjiż terz *jista*' jaqa' taħt il-qasam ta' applikazzjoni ta[' din id-]Direttiva". Fi kliem ieħor, dan id-dmir ta' għoti ta'

[18] Kuntrarjament għall-opinjoni espressa mill-Gvern tal-Pajjiżi l-Baxxi fl-osservazzjonijiet tiegħu, l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 2004/81 huwa applikabbli wkoll għaċ-ċittadini ta' pajjiż terz, vittmi tat-traffikar tal-bnedmin, li jirrisjedu legalment fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat, bħal dawk li jitolbu l-protezzjoni internazzjonali. Ara l-Artikolu 3(1) ta' din id-direttiva, li l-kliem tiegħu juri li l-kamp ta' applikazzjoni ta' din tal-aħħar jestendi għaċ-ċittadini ta' pajjiż terz li daħlu jew jirrisjedu b'mod legali fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat. Ara, ukoll, it-tieni paragrafu tal-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2012/29 li jistipula li "[i]d-drittijiet stipulati f'din id-Direttiva għandhom japplikaw għall-vittmi b'mod mhux diskriminatorju, inkluż fir-rigward tal-istatus ta' residenza tagħhom", il-premessa 9 tal-imsemmija direttiva li tistipula li "[i]l-vittmi tal-kriminalità għandhom jiġu rikonoxxuti u trattati b'rispett u b'mod sensittiv u professjonali mingħajr diskriminazzjoni ta' kwalunkwe tip ibbażata fuq kwalunkwe raġuni bħa[l]-istatus ta' residenza", il-premessa 10 tal-istess direttiva li tistipula li "[l]-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li d-drittijiet stabbiliti f[id-Direttiva 2012/29] ma jsirux kundizzjonali fuq l-istatus ta' residenza tal-vittma fit-territorju tagħhom jew fuq iċ-ċittadinanza jew in-nazzjonalità tal-vittma", kif ukoll il-premessa 18 tad-Direttiva 2011/36.

[19] Dan jikkonsisti fl-atti intenzjonali segwenti: ir-reklutaġġ, it-trasport, it-trasferiment, il-kenn jew l-akkoljenza ta' persuni, inkluż l-iskambju jew it-trasferiment tal-kontroll fuq dawk il-persuni, permezz tat-theddid jew l-użu tal-forza jew forom oħra ta' ġegħil, ta' ħtif, ta' frodi, ta' qerq, tal-abbuż tal-poter jew ta' pożizzjoni ta' vulnerabbiltà jew tal-għoti jew tar-riċeviment ta' ħlasijiet jew benefiċċji biex jinkiseb il-kunsens ta' persuna li jkollha kontroll fuq persuna oħra, għall-fini ta' sfruttament. L-isfruttament għandu jinkludi, bħala minimu, l-isfruttament tal-prostituzzjoni ta' oħrajn jew forom oħra ta' sfruttament sesswali, xogħol jew servizzi furzati, inkluż l-elemosina, l-iskjavitù jew prattika simili għall-iskjavitù, is-servitù jew l-isfruttament ta' attivitajiet kriminali, jew it-teħid ta' organi.

[20] Il-leġiżlatur tal-Unjoni jirreferi għall-Artikoli 1 sa 3 tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/629/ĠAI tad-19 ta' Lulju 2002 dwar il-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 521) li ġiet issostitwita bid-Direttiva 2011/36.

[21] Ara, ukoll, l-Artikolu 11(6) tad-Direttiva 2011/36.

informazzjoni jaqa' fuq dawn l-awtoritajiet mill-mument li jkollhom motivi raġonevoli għalfejn iqisu li dan iċ-ċittadin huwa jew kien vittma ta' traffikar tal-bnedmin, u għalhekk qabel kwalunkwe klassifikazzjoni kriminali [22].

66. Skont l-imsemmi artikolu, dawn l-awtoritajiet għandhom jinfurmaw lill-persuna kkonċernata bil-"possibiltajiet offerti taħt [din id-direttiva]". Fi kliem ieħor, din tal-aħħar għandha tkun informata bil-possibbiltà li tibbenefika, mhux biss minn perijodu ta' riflessjoni u ta' rkupru, iżda wkoll bil-miżuri ta' assistenza u ta' għajnuna previsti fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 2004/81 u, taħt ċerti kundizzjonijiet, b'permess ta' residenza temporanja fit-territorju tal-Istat Membru, inkambju tal-kooperazzjoni tagħha, skont l-Artikolu 8 ta' din id-direttiva [23]. Kif jirriżulta mill-premessa 9 tal-imsemmija direttiva, il-permess ta' residenza għandu, effettivament, jikkostitwixxi "inċentiv suffiċjenti sabiex [il-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin jikkooperaw] ma' l-awtoritajiet kompetenti […]".

67. Dan id-dmir ta' għoti ta' informazzjoni jsir "qoxra vojta" jekk l-Istat Membru kkonċernat ikollu finalment jittrasferixxi lill-vittma matul il-perijodu ta' riflessjoni li jingħatalha, minkejja li jkun obbliga ruħu li jagħtiha mhux biss dan il-perijodu, iżda wkoll il-miżuri ta' assistenza u ta' għajnuna previsti fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 2004/81 u, taħt ċerti kundizzjonijiet, permess ta' residenza temporanja jekk din il-vittma taċċetta li tressaq ilment jew li tixhed kontra l-awturi tar-reat. Tali prattika ma tkunx kompatibbli mar-rekwiżiti li jimponi l-leġiżlatur tal-Unjoni fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2012/29, li jistipula li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jagħtu prova ta' trattament b'rispett, b'mod sensittiv u professjonali fir-rigward tal-vittmi tal-kriminalità [24].

2) Il-perijodu ta' riflessjoni

68. Il-perijodu ta' riflessjoni jingħata skont il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 6 tad-Direttiva 2004/81. Minkejja li l-leġiżlatur tal-Unjoni la jiddefinixxi t-tul u lanqas il-punt meta jibda' dan il-perijodu, biex b'hekk iħalli f'idejn kull Stat Membru li jistabbilixxi dawn il-modalitajiet, dan il-leġiżlatur huwa, min-naħa l-oħra, ħafna iktar espliċitu fir-rigward tal-għan tal-imsemmi perijodu ta' riflessjoni. Fil-fatt, fil-paragrafu 1 ta' dan l-artikolu huwa jindika li dan il-perijodu għandu jippermetti lill-vittma tirkupra u taħrab mill-influwenza tal-awturi tar-reat, sabiex tkun tista' tieħu deċiżjoni infurmata u fid-dawl tar-riskji li hija għandha, dwar jekk tikkooperax jew le mal-awtoritajiet tal-pulizija, mal-prosekuzzjoni u mal-awtoritajiet ġudizzjarji [25]. Meta jistabbilixxi l-perijodu ta' riflessjoni, il-leġiżlatur tal-Unjoni għandu għalhekk

[22] Ara, f'dan ir-rigward, is-sentenza tal-Kunsill tal-Istat (Franza) tal-15 ta' Ġunju 2012 (Nru 339209), li fiha din il-qorti tenfasizza l-obbligu li għandhom is-servizzi tal-Pulizija u tal-Forzi tal-Ordni militari li jinfurmaw lill-allegati vittmi u tindika l-konsegwenzi tan-nuqqas ta' għoti ta' informazzjoni.

[23] Ara, ukoll, il-premessa 11 tad-Direttiva 2004/81.

[24] Ara, pereżempju, l-Artikolu R-316-1 tal-Code de l'entrée et du séjour des étrangers et du droit d'asile (il-Kodiċi dwar id-dħul u r-residenza tal persuni barranin u d-dritt għall-ażil) (Franza), li jistipula li "[d]in l-informazzjoni għandha tingħata f'lingwa li l-barrani jifhem u f'kundizzjonijiet ta' kunfidenzjalità li jippermettulu jikseb il-fiduċja u tiġi żgurata l-protezzjoni tiegħu" (JORF tal-15 ta' Settembru 2007, test Nru 17).

[25] Ara, ukoll, il-premessi 11 u 12 tad-Direttiva 2004/81 kif ukoll il-premessa 18 tad-Direttiva 2011/36.

jieħu inkunsiderazzjoni l-vulnerabbiltà partikolari tal-vittma u n-natura speċifika ferm tar-reat, peress li din il-vittma, apparti l-elementi li jikkostitwixxu r-reat, "ħafna drabi tkun vittma ta' skjavitù li jmur lil hinn mill-kamp fiżiku u jkopri l-kamp morali" [26].

69. Huwa fil-loġika tas-sistema hekk stabbilita li l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 2004/81 jirrikjedi lill-Istat Membru kkonċernat, minn naħa, li jissodisfa r-rekwiżiti essenzjali u partikolari tal-vittma meta jagħti t-trattament previst fl-Artikolu 7 ta' din id-direttiva matul il-perijodu ta' riflessjoni u, min-naħa l-oħra, li jirrinunzja l-infurzar ta' kull ordni ta' tneħħija matul dan il-perijodu, peress li l-persuna kkonċernata hija temporanjament awtorizzata tibqa' fit-territorju "waqt li tkun mistennija d-deċiżjoni ta' l-awtoritajiet kompetenti" [27]. Dawn iż-żewġ rekwiżiti huma marbuta peress li l-miżuri ta' assistenza u ta' għajnuna ma jistgħux jingħataw liċ-ċittadini ta' pajjiż terz li telqu mit-territorju nazzjonali [28]. Minbarra l-assistenza lingwistika u legali, l-Istat Membru kkonċernat għandu jiżgura d-dinjità kif ukoll is-sigurtà tal-vittma, filwaqt li jiżgura li jiġu ssodisfatti l-ħtiġijiet partikolari tagħha, b'mod partikolari li tingħata assistenza psikoloġika jew kura psikoterapewtika u t-teħid ta' responsabbiltà għall-kura medika urġenti tagħha [29].

70. Bil-projbizzjoni tal-eżekuzzjoni ta' kwalunkwe ordni ta' tneħħija matul il-perijodu ta' riflessjoni u bir-rekwiżit taż-żamma temporanja tal-vittma fuq it-territorju nazzjonali, il-leġiżlatur tal-Unjoni jrid, minn naħa, jikkonsolida approċċ li jippermetti l-protezzjoni tad-drittijiet ta' din il-vittma tat-traffikar tal-bnedmin, li hija għan stabbilit f'diversi testijiet internazzjonali [30] u, min-naħa l-oħra, jiżgura l-effikaċja tal-proċeduri kriminali, filwaqt li l-awtoritajiet tal-pulizija jkunu f'pożizzjoni li jippjanaw il-parteċipazzjoni tal-imsemmija vittma, jekk tagħti l-kunsens tagħha, fl-investigazzjoni u fil-proċeduri ġudizzjarji, jekk ikun il-każ [31].

71. Finalment, huwa fl-iskadenza ta' dan il-perijodu ta' riflessjoni, jew qabel jekk l-awtoritajiet kompetenti jqisu li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz diġà wera volontà ċara ta' kooperazzjoni, li l-Istat Membru jista', skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 8 tad-Direttiva 2004/81, jagħti lill-vittma permess ta' residenza minima ta' sitt xhur għall-finijiet tal-kooperazzjoni tagħha fl-investigazzjoni kriminali jew fil-proċedura ġudizzjarja.

[26] Ara l-intervent ta' Bruno Lasserre quddiem il-"Franco-Bristish-Irish Judicial Cooperation Committee" (Kumitat Franko-Anglo-Irlandiż għall-Kooperazzjoni Ġudizzjarja), tal-21 ta' Lulju 2019, intitolat "Le traitement contentieux de la vulnérabilité dans les affaires d'esclavage et de traite humaine", disponibbli fl-indirizz internet segwenti: https://www.conseil-etat.fr/publications-colloques/discours-et-interventions/le-traitement-contentieux-de-la-vulnerabilite-dans-les-affaires-d-esclavage-et-de-traite-humaine-discours-de-bruno-lasserre-vice-president-du. Ara, ukoll id-definizzjoni ġurisprudenzjali tar-reat tat-traffikar tal-bnedmin fis-sentenza tal-Qorti EDB tas-7 ta' Ottubru 2021, Zoletic *et* vs. Azerbaidjan, CE:ECHR:2021:1007JUD002011612, § 155.

[27] L-Artikolu 6(3) tad-Direttiva 2004/81 jistipula li "[i]l-perjodu ta' riflessjoni m'għandu joħloq ebda intitolament għal residenza taħt din id-Direttiva".

[28] Ara l-premessa 18 tad-Direttiva 2011/36.

[29] Nispjega li mill-premessa 18 tad-Direttiva 2011/36 jirriżulta li persuna għandha tibbenefika minn dawn il-miżuri meta jeżistu motivi raġonevoli għalfejn jitqies li hija jew kienet vittma tat-traffikar tal-bnedmin, u dan irrispettivament mill-volontà tagħha li tintervjeni bħala xhud. Ara, f'dan ir-rigward, l-Artikolu 13(1) tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin, iffirmata f'Varsavja fis-16 ta' Mejju 2005 u li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2008 (STCE Nru 197, iktar 'il quddiem il-"Konvenzjoni dwar il-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin"). Hija titlef il-benefiċċju wara li jingħalaq il-proċess ta' identifikazzjoni jew fl-iskadenza tal-perijodu ta' riflessjoni, jekk din il-persuna titqies li ma tissodisfax il-kundizzjonijiet għall-ħruġ ta' permess ta' residenza jew jekk hija ma għandhiex residenza legali f'dan l-Istat Membru jew inkella jekk ħalliet it-territorju tal-Istat.

[30] Jista' jiġi ċċitat, fost oħrajn, il-protokoll addizzjonali għall-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-kriminalità transnazzjonali organizzata għall-prevenzjoni, soppressjoni u punizzjoni tat-traffikar tal-persuni, speċjalment ta' nisa u tfal, konkluż fi New York fil-15 ta' Novembru 2000 (*Ġabra tat-Trattati tan-Nazzjonijiet Uniti*, vol. 2237, p. 319), kif ukoll il-Konvenzjoni kontra l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin.

[31] Ara, f'dan is-sens, Plouffe-Malette, K., *Protection des victimes de traite des êtres humains: approches internationales et européennes*, Bruylant, Brussell, 2013.

72. Minn dan isegwi li, jekk isir it-trasferiment ta' din il-vittma matul il-perijodu ta' riflessjoni, fl-opinjoni tiegħi, ma tkunx qed tiġi żgurata l-effettività tad-drittijiet li għandha l-imsemmija vittma tat-traffikar tal-bnedmin tad-Direttiva 2004/81, kemm f'dak li jirrigwarda l-irkupru u l-protezzjoni tagħha kif ukoll il-kooperazzjoni tagħha fl-investigazzjoni jew fil-proċedura ġudizzjarja.

73. L-ewwel, il-perijodu ta' riflessjoni għandu jippermetti lill-vittma tirkupra u lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jevalwaw il-grad ta' vulnerabbiltà tagħha b'mod mhux biss li jadattaw it-trattament previst fl-Artikolu 7 ta' din id-direttiva, iżda wkoll sabiex jipproċedu b'evalwazzjoni tar-riskji qabel l-eżekuzzjoni ta' kwalunkwe ordni ta' tneħħija [32]. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni titlob lill-Istati Membri sabiex jagħtu attenzjoni partikolari għas-sitwazzjoni speċifika tal-vittmi ttraffikati fil-kuntest tat-trasferiment ta' ċittadini mhux tal-UE lejn il-pajjiż fejn waslu għall-ewwel darba peress li dawn jistgħu jsiru aċċessibbli għat-traffikanti u jkunu esposti għal riskji ta' traffikar mill-ġdid [33]. Bl-istess mod, il-Grupp ta' Esperti dwar il-Ġlieda kontra t-Traffikar tal-Bnedmin tal-Kunsill tal-Ewropa (GRETA) iqis li din l-evalwazzjoni għandha ssir sabiex jiġi evitat li l-vittma ma tintbagħatx fl-Istat fejn hija ressqet it-talba tagħha għal protezzjoni internazzjonali l-ewwel darba, iżda fejn hija tista' għal darb'oħra terġa' tkun suġġetta għat-traffikar. Kull deċiżjoni ta' trasferiment b'hekk għandha tkun evalwata fid-dawl tar-riskju ta' vittimizzazzjoni sekondarja fl-Istat Membru li tkun saritlu t-talba għall-finijiet tat-teħid ta' responsabbiltà [34].

74. L-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni ta' trasferiment matul il-perijodu ta' riflessjoni jidhirli li tikkomprommetti din id-dinamika, qabel kollox għaliex twassal sabiex tbiegħed lill-vittma mill-persuni u mis-servizzi ta' appoġġ speċjalizzati li magħhom hija setgħet issib appoġġ [35], sussegwentement għaliex twassal sabiex jiġi sospiż, jew interrott, it-trattament li jkun ingħatalha skont l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2004/81 u, finalment, tista' tirrikjedi d-detenzjoni tal-persuna kkonċernata [36].

75. Huwa veru li, skont l-Artikoli 31 u 32 tar-Regolament Nru 604/2013, l-Istat Membru li jipproċedi bit-trasferiment ta' persuna li titlob protezzjoni internazzjonali huwa obbligat li jibgħat lill-Istat Membru responsabbli l-informazzjoni u d-data li huwa jqis indispensabbli għall-protezzjoni tad-drittijiet ta' din tal-aħħar u jista' jikkomunika wkoll il-miżuri immedjati li għandhom jiġu adottati sabiex jiġu ssodisfatti l-ħtiġijiet partikolari ta' din il-persuna, inklużi l-kura tas-saħħa urġenti. Huwa veru wkoll li, f'każ bħal dan, din il-persuna li titlob protezzjoni internazzjonali tista' tibbenefika minn dispożizzjonijiet partikolari li d-Direttiva 2012/29 tistipula favur vittmi residenti fi Stat Membru ieħor differenti minn dak fejn twettaq ir-reat kriminali. Il-premessa 51 ta' din id-direttiva tispjega, effettivament, li l-Istat Membru ta' residenza tal-vittma għandu jagħti l-għajnuna, l-appoġġ u l-protezzjoni meħtieġa sabiex jissodisfa l-ħtiġijiet

[32] Ara, f'dan ir-rigward, in-nota ta' gwida dwar id-dritt tal-vittmi tat-traffikar, u tal-persuni li huma f'riskju li jkunu vittmi tat-traffikar, għal protezzjoni internazzjonali tal-Grupp ta' Esperti dwar il-Ġlieda kontra t-Traffikar tal-Bnedmin (GRETA), ta' Ġunju 2020, disponibbli fl-indirizz internet segwenti: https://rm.coe.int/note-d-orientation-sur-les-droits-des-victimes-de-la-traite-et-des-per/16809ebf45.

[33] Ara, f'dan ir-rigward, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-Istrateġija tal-UE dwar il-Ġlieda kontra t-Traffikar tal-Bnedmin 2021-2025, tal-14 ta' April 2021 [COM(2021) 171 finali, p. 18].

[34] Skont il-premessa 62 tad-Direttiva 2012/29, "[s]abiex il-vittmi tal-att kriminali jirċievu l-grad korrett ta' assistenza, appoġġ u protezzjoni, is-servizzi pubbliċi għandhom jaħdmu f'manjiera koordinata u għandhom ikunu involuti fil-livelli amministrattivi kollha — fil-livell tal-Unjoni, u fil-livell nazzjonali, reġjonali u dak lokali".

[35] Ara, fir-rigward tar-rwol importanti tas-servizzi ta' appoġġ speċjalizzati fir-rigward tal-vittmi ta' tip serju ta' kriminalità fi Stat Membru li ma humiex ċittadini tiegħu jew residenti fih, il-premessa 38 tad-Direttiva 2012/29.

[36] Ara l-Artikolu 28 tar-Regolament Nru 604/2013.

ta' din il-vittma sabiex tirkupra [37]. Il-leġiżlatur tal-Unjoni, barra minn hekk, jitlob lil dan l-Istat Membru sabiex jinforma lill-imsemmija vittma b'kull miżura, proċedura jew arranġament speċjali "li huma disponibbli" sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-interessi tagħha fl-Istat Membru fejn ikun sar l-ewwel kuntatt mal-awtorità kompetenti, peress li l-portata jew id-dettall tal-informazzjoni jistgħu ivarjaw skont il-ħtiġijiet speċifiċi u t-tip jew in-natura tal-att kriminali [38]. Fil-każ fejn il-vittma ma hijiex f'pożizzjoni li tippreżenta lment fl-Istat Membru fejn twettaq l-att kriminali, din għandha tkun tista' tippreżenta lment mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat ta' residenza tagħha, fejn dawn tal-aħħar huma obbligati, barra minn hekk, jadottaw miżuri adegwati f'dak li jirrigwarda l-organizzazzjoni tal-proċedura u, b'mod partikolari, waqt ix-xhieda jew is-smigħ ta' din il-vittma [39].

76. Minkejja l-interess ċar ta' dawn id-dispożizzjonijiet, m'iniex konvint li huma biżżejjed sabiex jissodisfaw b'mod kontinwu u ffokat il-ħtiġijiet speċifiċi tal-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin [40]. B'mod partikolari, it-trasferiment lejn Stat Membru ġdid jimplika li l-vittma titqiegħed fi struttura ta' akkoljenza ġdida li mhux neċessarjament jew immedjatament ikollha riżorsi biżżejjed sabiex tissodisfa l-ħtiġijiet tagħha. Jimplika wkoll li din it-vittma tibda proċeduri ġodda fi ħdan awtoritajiet ġodda. Ma hemmx dubju li sitwazzjoni bħal din u, b'mod partikolari, ir-repetizzjoni tax-xhieda, għandha r-riskju li żżid il-vulnerabbiltà tagħha.

77. It-tieni, il-perijodu ta' riflessjoni għandu jippermetti lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti joħolqu rabtiet ta' fiduċja mal-imsemmija vittma b'mod li din, bis-saħħa tal-perspettiva ta' permess ta' residenza temporanja, tikkoopera fl-investigazzjoni kriminali u/jew fil-proċedura ġudizzjarja. Niddubita kemm tali għan ikun jista' jintlaħaq jekk, b'mod parallel mal-proċedura tal-ħruġ tal-permess ta' residenza, iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat jiġi informat dwar l-eżekuzzjoni imminenti ta' deċiżjoni ta' trasferiment adottata fil-konfront tiegħu.

78. Fit-tielet lok, dan il-perijodu ta' riflessjoni huwa essenzjali sabiex jippermetti lil dawn l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jiġbru provi affidabbli fir-rigward tal-eżistenza u tan-natura (nazzjonali jew transnazzjonali pereżempju) tal-ksur għall-finijiet tal-bidu tal-proċeduri kriminali. Matul dan il-perijodu, u – sabiex nuża t-termini tal-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 2004/81 – "waqt li tkun mistennija d-deċiżjoni ta' l-awtoritajiet kompetenti", l-eżekuzzjoni ta' trasferiment tista' taffettwa l-effikaċja tal-investigazzjoni kriminali b'mod li jmur kontra l-interessi tal-vittma u tal-Istati Membri kkonċernati.

79. F'dan ir-rigward, il-premessa 1 tad-Direttiva 2011/36 tfakkar li "[i]t-traffikar tal-bnedmin tal-bnedmin huwa reat gravi [u] ksur serju tad-drittijiet fundamentali u pprojbit espliċitament mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea" [41]. Fil-premessa 2

[37] Il-premessa 51 tad-Direttiva 2012/29 hija mfassla kif ġej: "[j]ekk il-vittma tkun telqet it-territorju tal-Istat Membru fejn ikun twettaq ir-reat kriminali, dak l-Istat Membru m'għandux jibqa' jiġi obbligat jagħti għajnuna, appoġġ u ħarsien ħlief għal dak li huwa direttament relatat ma' kwalunkwe proċediment kriminali li jkun qed iwettaq fir-rigward tar-reat kriminali kkonċernat, bħal miżuri ta' protezzjoni speċjali waqt il-proċedimenti tal-qorti. L-Istat Membru ta' residenza tal-vittma għandu jagħti l-assistenza, l-appoġġ u l-protezzjoni meħtieġa għall-ħtieġa tal-vittma li jirkupra".

[38] Ara l-Artikolu 4(1)(g) tad-Direttiva 2012/29.

[39] Ara l-Artikolu 17 tad-Direttiva 2012/29.

[40] Kif josserva l-Gvern tal-Pajjiżi l-Baxxi fl-osservazzjonijiet tiegħu, ir-Regolament Nru 604/2013 bl-ebda mod ma jirreferi għad-Direttiva 2004/81. Dan ir-regolament ma jsemmix is-sitwazzjoni ta' min jitlob il-protezzjoni internazzjonali, vittmi tat-traffikar tal-bnedmin, ħlief fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-aħjar interessi tat-tfal, fl-Artikolu 6(3)(c) tiegħu.

[41] Barra minn hekk, il-leġiżlatur tal-Unjoni jirrileva, f'din il-premessa li l-"prevenzjoni tat-traffikar tal-bnedmin u l-ġlieda kontrih huma prijorità għall-Unjoni u għall-Istati Membri" u fil-premessa 7 ta' din id-direttiva, huwa jispjega li din id-direttiva hija intiża sabiex tilħaq livell iktar rigoruż fil-prevenzjoni, il-prosekuzzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-vittmi, filwaqt li l-leġiżlatur tal-Unjoni jitlob lill-Istati Membri sabiex jiġġieldu kull forma tat-traffikar tal-bnedmin billi jużaw l-iktar miżuri effiċjenti.

tad-Direttiva 2004/81, dan il-leġiżlatur ifakkar ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill Ewropew, waqt il-laqgħa tiegħu ta' Tampere (il-Finlandja), sabiex jikkonċentraw l-isforzi fuq l-intraċċar u l-iżmantellar ta' netwerks kriminali, waqt li jiġu protetti d-drittijiet tal-vittmi.

80. Dawn id-dispożizzjonijiet huma riflessi b'mod partikolari fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem [42]. Fil-fatt, din timponi obbligi pożittivi fuq l-Istati Membri, li jirriżultaw mill-Artikolu 4 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali [43], applikabbli mill-mument li fih l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jkollhom għarfien ta' ċirkustanzi li jippermettu li jkun hemm suspett raġonevoli li individwu huwa vittma tat-traffikar tal-bnedmin. L-Istati firmatarji ta' din il-Konvenzjoni għandhom għalhekk obbligu proċedurali li jinvestigaw is-sitwazzjonijiet ta' traffikar potenzjali, l-investigazzjoni għandha tkun effettiva u l-awtoritajiet għandhom jieħdu l-miżuri raġonevoli li għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom sabiex jiksbu provi u jiċċaraw iċ-ċirkustanzi tal-kawża.

81. F'dan il-kuntest, ix-xhieda tal-vittma jista' jkollha importanza suprema, b'mod partikolari fil-kuntest tal-ftuħ ta' investigazzjoni jew ta' proċedura ġudizzjarja. Infakkar li t-traffikar tal-bnedmin mhux neċessarjament jinvolvi element transnazzjonali, peress li dan jista' jeżisti fuq livell purament nazzjonali. Skont l-Artikolu 10(1) tad-Direttiva 2011/36, l-Istati Membri għandhom, bħala regola, ġurisdizzjoni territorjali għall-finijiet tat-trażżin ta' reati mwettqa fit-territorju tagħhom jew minn xi ċittadin tagħhom [44]. F'tali każ, it-trasferiment lejn Stat Membru ieħor taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat, qabel ma jkun iddeċieda dwar ir-rieda tiegħu li jikkoopera fl-investigazzjoni kriminali, iwassal għal tbegħid mit-territorju tal-Istat Membru kompetenti sabiex jiġu pproċessati l-awturi tar-reat li tiegħu huwa l-vittma, filwaqt li din il-vittma għandha, għall-kuntrarju, tkun preżenti f'dan it-territorju b'tali mod li tkun assoċjata bi kwalunkwe mod possibbli għall-protezzjoni tal-interessi tagħha u għall-investigazzjoni kriminali pendenti.

82. Ċertament, fil-każ li r-reat ikun transnazzjonali, il-leġiżlatur tal-Unjoni għandu t-tendenza li jiffavorixxi l-koordinazzjoni tal-investigazzjonijiet u tal-prosekuzzjonijiet billi jistieden kollaborazzjoni mill-qrib bejn is-servizzi li jinfurzaw il-liġi tal-Istati Membri, b'tali mod li t-trasferiment tal-vittma ma għandux jikkostitwixxi ostakolu kbir għall-eżerċizzju tal-proċeduri kontra l-awturi tar-reat [45]. Fl-opinjoni tiegħi, dawn il-mekkaniżmi ma humiex neċessarjament applikabbli fl-istadju, prekoċi ferm, li fih jaqa' l-perijodu ta' riflessjoni mogħti lill-vittma. Huma applikabbli sussegwentement, meta l-awtoritajiet li jinfurzaw il-liġi jkunu fetħu investigazzjoni jew bdew proċeduri kontra l-awturi tar-reat.

83. Dawn l-elementi kollha jimmilitaw lejn kunsiderazzjoni li b'effett mill-mument li fih Stat Membru jqis li ċittadin ta' pajjiż terz jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2004/81 għaliex huwa identifikah bħala vittma tat-traffikar tal-bnedmin jew iqis li hemm raġunijiet iġġustifikati li dan huwa vittma ta' dan ir-reat, ma jista' jeżegwixxi l-ebda deċiżjoni ta' trasferiment fir-rigward ta' din tal-aħħar matul il-perijodu ta' riflessjoni li jingħatalha skont l-Artikolu 6(2) ta' din id-direttiva.

[42] Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-Qorti EDB tal-25 ta' Ġunju 2020, S.M. vs Il-Kroazja, CE:ECHR:2020:0625JUD006056114, § 306.

[43] Iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950.

[44] L-Istati Membri madankollu jistgħu jwessgħu din il-ġurisdizzjoni fil-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 10(2) tad-Direttiva 2011/36.

[45] Ara l-premessa 5 tad-Direttiva 2011/36. F'dan ir-rigward, nirreferi għall-kooperazzjoni msaħħa mal-Europol u mal-Eurojust, bit-twaqqif ta' timijiet investigattivi konġunti u l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/948/JAI tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni ta' konflitti ta' eżerċiżżju ta' ġurisdizzjoni fi proċedimenti kriminali (ĠU 2009, L 328, p. 42).

84. Kif jirrakkomanda l-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għad-Drittijiet tal-Bniedem: "[m]atul dan il-perijodu, il-vittmi u l-vittmi potenzjali ma għandhomx jiċċaqilqu mit-territorju tal-Istat parti […]" [46].

85. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, nipproponi, konsegwentement, lill-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 2004/81 għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi li, matul il-perijodu ta' riflessjoni previst fl-Artikolu 6(1) ta' din id-direttiva, l-Istat Membru jeżegwixxi deċiżjoni ta' trasferiment fir-rigward taċ-ċittadin ta' pajjiż terz, vittma tat-traffikar tal-bnedmin, lejn l-Istat Membru responsabbli mill-eżami tat-talba tiegħu għal protezzjoni internazzjonali, skont ir-Regolament Nru 604/2013.

b) Fuq il-marġni ta' manuvrar li għandu l-Istat Membru sabiex jadotta deċiżjoni ta' trasferiment jew miżuri preparatorji għall-eżekuzzjoni tagħha matul il-perijodu ta' riflessjoni

86. Fir-rigward hawnhekk tal-possibbiltà għal Stat Membru li jadotta deċiżjoni ta' trasferiment jew miżuri preparatorji għall-eżekuzzjoni ta' dan it-trasferiment matul il-perijodu ta' riflessjoni, ir-raġunament huwa differenti. Fil-fatt, it-test tal-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 2004/81 jipprojbixxi biss li tiġi eżegwita ordni ta' tneħħija. Fid-dawl tal-interpretazzjoni li nipproponi li tingħata lil dan il-kunċett, hija biss l-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni ta' trasferiment li hija pprojbita, peress li l-Istat Membru għandu għalhekk marġni ta' manuvrar sabiex jadotta tali deċiżjoni jew sabiex jadotta atti preparatorji għall-imsemmi trasferiment. Madankollu, tkun xi tkun il-libertà li dan l-Istat Membru għandu, dawn il-miżuri ma għandhomx ipoġġu indiskussjoni l-effett utli tal-Artikolu 6 ta' din id-direttiva.

87. F'dan ir-rigward għandhom isiru żewġ rimarki.

88. Fl-ewwel lok, infakkar li l-perijodu ta' riflessjoni għandu jippermetti lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti li jkollhom rabtiet ta' fiduċja mal-vittma tat-traffikar tal-bnedmin u jinċentivaw lil din tal-aħħar sabiex tikkoopera fl-investigazzjoni kriminali, billi joffrulha l-opportunità ta' permess ta' residenza temporanja fit-territorju. Barra minn hekk, matul dan il-perijodu, l-Istat Membru huwa obbligat joffri lill-vittma l-miżuri ta' assistenza u ta' protezzjoni li teħtieġ il-vulnerabbiltà tagħha. Issa, naħseb li dawn l-għanijiet jistgħu jiġu kompromessi jekk, fl-istess ħin, din il-vittma tiġi informata bl-adozzjoni ta' miżuri preparatorji għall-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni ta' trasferiment, b'mod partikolari jekk dawn il-miżuri jkunu jikkonsistu fid-detenzjoni tagħha għall-finijiet tat-trasferiment tagħha.

89. Fit-tieni lok, lil hinn mill-adozzjoni ta' deċiżjoni ta' trasferiment, jew ta' kwalunkwe miżura preparatorja oħra għall-eżekuzzjoni tagħha, naħseb li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti neċessarjament jiġu ffaċċjati b'arbitraġġi, minħabba t-termini ristretti li fihom huma obbligati jaġixxu skont ir-Regolament Nru 604/2013. Infakkar li dawn għandhom marġni ta' manuvra mnaqqas ferm fir-rigward tat-termini li fihom huma jistgħu jadottaw tali miżuri, taħt piena ta' trasferiment ta' responsabbiltà tal-eżami tat-talba għal protezzjoni internazzjonali lill-Istat Membru li jagħmel it-talba. B'hekk, skont l-Artikolu 21(1) ta' dan ir-regolament, l-Istat Membru li jagħmel it-talba għandu terminu massimu ta' *tliet xhur mid-data li fiha tressqet it-talba għal protezzjoni internazzjonali*, sabiex jitlob lill-Istat Membru l-ieħor biex jieħu r-responsabbiltà ta'

[46] Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għad-Drittijiet tal-Bniedem, kummentarju tal-"Principes et directives concernant les droits de l'homme et la traite des êtres humains: recommandations", punt 8.6, p. 153, disponibbli fl-indirizz internet segwenti: https://www.ohchr.org/sites/default/files/Documents/Publications/Commentary_Human_Trafficking_fr.pdf.

dik it-talba. F'każ li tiġi aċċettata din it-talba, huwa mbagħad ikollu terminu ta' *sitt xhur sabiex jipproċedi bit-trasferiment tal-applikant*, skont l-Artikolu 29(1) ta' dan ir-regolament. F'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni, dan it-terminu ma jistax jiġi estiż [47]. Dawn it-termini huma mandatorji.

90. Il-fattibbiltà u, jekk ikun il-każ, il-modalitajiet tar-relazzjoni bejn il-proċedura tal-ħruġ tal-permess ta' residenza temporanja u l-proċedura ta' trasferiment jiddependu għalhekk minn diversi varjanti u, b'mod partikolari, mit-termini applikabbli għal kull waħda minn dawn il-proċeduri (infakkar li t-tul tal-perijodu ta' riflessjoni huwa stabbilit skont id-dritt nazzjonali) kif ukoll mill-intenzjonijiet u mill-imġieba adottati mill-vittma matul jew wara l-iskadenza ta' dan il-perijodu ta' riflessjoni.

91. B'hekk, fil-każ kopert bl-Artikolu 6(4) tad-Direttiva 2004/81, fejn iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat iġedded, matul il-perijodu ta' riflessjoni, b'mod attiv, volontarju u bl-inizjattiva proprja tiegħu, il-kuntatt mal-awturi tar-reat, l-awtorità amministrattiva tista' tadotta deċiżjoni ta' trasferiment kontra tiegħu fl-istess ħin jew immedjatament wara li l-awtoritajiet tal-pulizija u tal-prosekuzzjoni jkunu temmu dan il-perijodu ta' riflessjoni skont dan l-artikolu.

92. Min-naħa l-oħra, fil-każ kuntrarju, fejn il-vittma turi kmieni ferm l-intenzjoni tagħha li tikkoopera fl-investigazzjoni kriminali, il-fattibbiltà ta' tali trasferiment tiddependi fuq il-ħruġ ta' permess ta' residenza temporanja favur tagħha. Fil-każ fejn din il-vittma tibbenefika minn dan il-permess, tali trasferiment ma jistax jiġi eżegwit fit-termini stabbiliti mir-Regolament Nru 604/2013. Fil-fatt, skont l-Artikolu 8(3) tad-Direttiva 2004/81, il-permess ta' residenza huwa validu għal perijodu minimu ta' sitt xhur, u wara dan it-terminu l-Istat Membru responsabbli huwa liberu mill-obbligu li jieħu responsabbiltà tal-applikant jekk it-trasferiment ma jkunx ġie eżegwit [48].

93. Fl-aħħar, infakkar li l-Istat Membru kkonċernat jista' dejjem juża l-fakultà offruta lilu mill-klawżola diskrezzjonali, prevista fl-Artikolu 17(1) tar-Regolament Nru 604/2013. L-implimentazzjoni ta' din il-klawżola ma hija suġġetta għall-ebda kundizzjoni partikolari u, bħala regola, għandu jkun kull Stat Membru li jistabbilixxi ċ-ċirkustanzi li fihom jixtieq juża din il-fakultà u li jaċċetta li jeżamina hu stess talba għal protezzjoni internazzjonali li għaliha ma huwiex responsabbli skont kriterji ddefiniti minn dan ir-regolament [49].

94. Huwa ovvju li tali relazzjoni tal-proċeduri titlob kooperazzjoni mill-qrib bejn l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli mill-proċedura tal-ħruġ tal-permess temporanju u dawk inkarigati mill-proċeduri "Dublin".

95. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tiddeċiedi li l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 2004/81 għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix, matul il-perijodu ta' riflessjoni stipulat fl-Artikolu 6(1) ta' din id-direttiva, li deċiżjoni ta' trasferiment tiġi adottata jew li l-eżekuzzjoni tagħha tiġi mħejjija, sa fejn dawn il-miżuri ma jpoġġux indiskussjoni l-effett utli tal-perijodu ta' riflessjoni.

[47] Skont l-Artikolu 29(2) tar-Regolament Nru 604/2013, it-terminu msemmi jista' jkun estiż sa massimu ta' sena jekk it-trasferiment ma setax ikun eżegwit minħabba priġunerija tal-persuna kkonċernata jew sa massimu ta' tmintax-il xahar jekk il-persuna kkonċernata tkun ħarbet.

[48] Ara l-Artikolu 29(2) tar-Regolament Nru 604/2013.

[49] Ara s-sentenza tat-23 ta' Jannar 2019, M.A. *et* (C-661/17, EU:C:2019:53, punti 59 u 60, kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

C. Fuq l-ewwel domanda preliminari, dwar il-komputazzjoni tal-perijodu ta' riflessjoni

96. Permezz tal-ewwel domanda preliminari tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, lill-Qorti tal-Ġustizzja, jekk, fin-nuqqas ta' miżura nazzjonali ta' transpożizzjoni, l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2004/81 għandux jiġi interpretat fis-sens li l-perijodu ta' riflessjoni stabbilit minnu jibda *ipso iure* mill-mument meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jinforma lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti li huwa vittma ta' traffikar tal-bnedmin [punt a)] u jintemm *ipso iure* wara li dan iċ-ċittadin ikun ressaq ilment dwar traffikar tal-bnedmin jew, għall-kuntrarju, ikun informa lil dawn l-awtoritajiet li jirrinunzja li jressaq tali ilment [punt b)].

97. Filwaqt li, fil-qafas tal-osservazzjonijiet tagħhom, il-partijiet jidhru li ma jaqblux dwar il-modalitajiet tat-traspożizzjoni tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2004/81 fl-ordinament ġuridiku tal-Pajjiżi l-Baxxi [50], il-qorti tar-rinviju tqis li din id-dispożizzjoni ma ġietx trasposta fid-dritt nazzjonali u tixtieq tapplikaha b'mod dirett. Konsegwentement, it-talba għal interpretazzjoni tirrigwarda l-modalitajiet ta' kalkolu tal-perijodu ta' riflessjoni u, b'mod partikolari, tirrigwarda l-jum li fih dan it-terminu jibda (*dies a quo*) kif ukoll il-jum li fih jintemm (*dies ad quem*).

1. Id-dies a quo tal-perijodu ta' riflessjoni

98. Permezz tal-ewwel punt fid-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk il-perijodu ta' riflessjoni jistax jibda mill-mument li fih iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat jinforma lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti li huwa vittma ta' traffikar tal-bnedmin.

99. Nirrileva li d-Direttiva 2004/81 ma tistabbilixxix il-punt tat-tluq tal-perijodu ta' riflessjoni, bl-istess mod li hija ma tistabbilixxix it-tul ta' dan it-terminu. Minkejja li fil-qafas tal-proposta tagħha, il-Kummissjoni ħasbet fuq perijodu ta' riflessjoni ta' tletin jum, ikkalkolat fuq it-tul tat-terminu stipulat fl-Artikolu 13(1) tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa kontra t-Traffikar tal-Bnedmin [51], il-leġiżlatur tal-Unjoni, madankollu, ħalla dawn il-miżuri fid-diskrezzjoni ta' kull Stat Membru [52].

100. F'dan il-każ, il-qorti tar-rinviju tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk il-punt tat-tluq tal-perijodu ta' riflessjoni jistax jikkorrispondi mal-mument li fih iċ-ċittadin ta' pajjiż terz *jinforma* lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti li huwa vittma ta' traffikar tal-bnedmin [53]. Fid-dawl

[50] Kif jirriżulta mill-espożizzjoni tal-qafas ġuridiku nazzjonali, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi ma stabbilixxiex it-tul u l-punt tat-tluq tal-perijodu ta' riflessjoni fil-Liġi dwar il-Barranin, iżda għamel dan biss fiċ-Ċirkolari dwar il-Barranin.

[51] Il-Konvenzjoni dwar il-Ġlieda kontra t-Traffikar tal-Bnedmin ġiet adottata mill-Kunsill tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa fit-3 ta' Mejju 2005 u daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2008. L-Artikolu 13(1) tagħha jistipula dan li ġej: "[k]ull Parti għandha tistipula fid-dritt intern tagħha perijodu ta' rkupru u ta' riflessjoni ta' mill-inqas 30 jum meta jkun hemm raġunijiet iġġustifikati li jitqies li l-persuna kkonċernata hija vittma. Dan il-perijodu għandu jkun ta' tul suffiċjenti sabiex il-persuna kkonċernata tkun tista' tirkupra u taħrab mill-influwenza tat-traffikanti u/jew tieħu deċiżjoni informata dwar il-kooperazzjoni tagħha mal-awtoritajiet kompetenti. Matul dan il-perijodu, l-ebda ordni ta' tneħħija ma tista' tiġi eżegwita fil-konfront tagħha. Din id-dispożizzjoni hija mingħajr preġudizzju għal attivitajiet imwettqa mill-awtoritajiet kompetenti f'kull fażi tal-proċedura nazzjonali applikabbli, b'mod partikolari matul l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tal-fatti investigati. Matul dan il-perijodu, il-Partijiet għandhom jawtorizzaw ir-residenza tal-persuna kkonċernata fit-territorju tagħhom". Ara, ukoll, ir-Rapport ta' Spjegazzjoni tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Ġlieda kontra t-Traffikar tal-Bnedmin, punt 177, disponibbli fl-indirizz internet segwenti: https://rm.coe.int/16800d388d.

[52] Il-Grupp tal-Esperti dwar it-Traffikar fil-Bnedmin, imwaqqaf permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/209/KE tal-25 ta' Marzu 2003 li tistabbilixxi grupp konsultattiv, li jkun magħruf bħala il-Grupp ta' l-Esperti dwar it-Traffikar fil-Bnedmin (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 135), jirrakkomanda, min-naħa tiegħu, fil-parir tiegħu tas-16 ta' April 2004, terminu ta' perijodu mill-inqas ta' tliet xhur. Fi Franza, l-Artikolu R316-1 tal-Code de l'entrée et du séjour des étrangers et du droit d'asile (il-Kodiċi dwar id-dħul u r-residenza tal-persuni barranin u d-dritt għall-ażil) (JORF tal-15 ta' Settembru 2007, test Nru 17) jistabbilixxi dan it-terminu bħala 30 jum.

[53] Fid-dawl tal-kliem użat mill-qorti tar-rinviju, niddistingwi din is-sitwazzjoni minn dik li fiha ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jirraporta dan ir-reat, billi jressaq ilment mal-awtoritajiet kompetenti.

tat-termini li fihom hija fformulata d-domanda, dan l-eżempju jidhirli li huwa differenti minn dak li fih iċ-ċittadin ta' pajjiż terz iressaq ilment jew xhieda kontra persuna li huwa jakkuża li pparteċipat f'dan it-traffikar [54].

101. Jekk il-perijodu ta' riflessjoni jibda jiddekorri mill-mument li fih iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat sempliċement issemmi mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti li huwa vittma tat-traffikar tal-bnedmin, mingħajr ma dawn ikollhom indikazzjonijiet dwar l-eżistenza jew in-natura tar-reat, tali modalità, fl-opinjoni tiegħi, tkun inkompatibbli mal-kamp ta' applikazzjoni *ratione personae* tad-Direttiva 2004/81. Fil-fatt, infakkar li l-proċedura tal-ħruġ tal-permess ta' residenza temporanja, li fiha jaqa' l-perijodu ta' riflessjoni, għandha tibda biss meta dawn l-awtoritajiet ikunu identifikaw lil dan iċ-ċittadin ta' pajjiż terz bħala li huwa vittma tat-traffikar tal-bnedmin fejn hemm, abbażi tal-informazzjoni kollha u taċ-ċirkustanzi kollha rilevanti ta' kawża, raġunijiet iġġustifikati sabiex jitqies li huwa vittma ta' dan il-ksur.

102. Fid-dawl ta' dawn l-elementi, naħseb, konsegwentement, li, fis-sitwazzjoni li fiha ċittadin ta' pajjiż terz jinforma lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti li huwa vittma tat-traffikar tal-bnedmin, il-perijodu ta' riflessjoni jista' jibda jiddekorri mill-mument li fih dawn l-awtoritajiet iqisu li hemm, abbażi tal-informazzjoni kollha li għandhom, raġunijiet iġġustifikati biex jitqies li dan iċ-ċittadin jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2004/81 u jinformaw, konsegwentement, lil dan tal-aħħar bil-possibilitajiet offruti minn din id-direttiva, skont l-obbligi li huma għandhom bis-saħħa tal-Artikolu 5 tagħha.

2. Id-dies ad quem tal-perijodu ta' riflessjoni

103. Permezz tat-tieni punt tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk il-perijodu ta' riflessjoni previst fl-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2004/81 jistax jintemm, *ipso iure*, wara li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun ippreżenta lment dwar traffikar tal-bnedmin jew, għall-kuntrarju, wara li jkun informa lill-awtoritajiet kompetenti li qed jirrinunzja milli jippreżenta tali lment.

104. Kuntrarjament għall-punt tat-tluq tal-perijodu ta' riflessjoni, li huwa mħolli fid-diskrezzjoni ta' kull Stat Membru, skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2004/81, fl-Artikolu 6(4) ta' din id-direttiva l-leġiżlatur tal-Unjoni jistipula l-eżempji li fihom Stat Membru jista', lil hinn mill-iskadenza tal-perijodu ta' riflessjoni, itemm tali terminu. L-ewwel, din hija sitwazzjoni fejn huwa stabbilit li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat ikun "attivament, volontarjament u fuq l-inizjattiva proprja tiegħu/tagħha" ġedded il-kuntatt mal-atturi tar-reat u, fit-tieni lok, sitwazzjoni li fiha hemm raġunijiet relatati mal-ordni pubbliku u mal-protezzjoni tas-sigurtà nazzjonali.

105. Is-sitwazzjonijiet li fihom Stat Membru jista' jtemm, *ipso iure*, il-benefiċċju tal-perijodu ta' riflessjoni mogħti liċ-ċittadin ta' pajjiż terz skont l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2004/81 huma għalhekk limitati għal sitwazzjonijiet ta' natura partikolarment serja jew, fid-dawl tan-natura tal-kuntatti li l-persuna kkonċernata jkollha mal-awturi tar-reat u tat-theddida li tista' tirrapreżenta għall-interessi tiegħu, l-Istat Membru jista' jirrinunzja milli jibda l-proċedura ta' ħruġ ta' permess ta' residenza temporanja.

[54] Barra minn hekk, dan l-eżempju jidhirli differenti wkoll mis-sitwazzjoni msemmija fiċ-Ċirkulari dwar il-Barranin. Fil-fatt, mid-dispożizzjonijiet ta' din iċ-ċirkulari jirriżulta li l-Pulizija jew il-Kap Kmandant tal-Forzi tal-Ordni militari għandu joffri lill-allegata vittma l-perijodu ta' riflessjoni malli jkollu "l-iċken indizju li l-każ jittratta traffikar tal-bnedmin" u/jew malli jintervjeni l-Ispettorat tal-Affarijiet Soċjali u tal-Impjiegi.

106. Sa fejn l-Artikolu 6(4) ta' din id-direttiva għandu l-effett li jillimita l-benefiċċju tal-perijodu ta' riflessjoni mogħti liċ-ċittadin ta' pajjiż terz, vittma tat-traffikar tal-bnedmin, nemmen li għandu jingħata interpretazzjoni ristrettiva. Nirrileva li l-ebda ċirkustanza msemmija mill-qorti tar-rinviju ma tista' tintrabat mal-eżempji msemmija mil-leġiżlatur tal-Unjoni f'dan l-artikolu. Konsegwentement, nemmen li l-ebda waħda minn dawn iż-żewġ ċirkustanzi ma tista' tippermetti lill-Istat Membru jtemm, *ipso iure*, dan il-perijodu ta' riflessjoni.

107. Fid-dawl ta' dawn l-elementi, nipproponi, konsegwentement, lill-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li f'sitwazzjoni li fiha l-perijodu ta' riflessjoni previst fl-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2004/81 ma jkunx skada, Stat Membru ma jistax itemm, *ipso iure*, dan it-terminu, ħlief fis-sitwazzjonijiet espressament imsemmija fl-Artikolu 6(4) ta' din id-direttiva.

108. Nixtieq inżid żewġ rimarki addizzjonali.

109. L-ewwel nett, fir-rigward tas-sitwazzjoni msemmija mill-qorti tar-rinviju, li fiha ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat jippreżenta lment kontra l-awturi tar-reat, huwa veru li tali inizjattiva turi, min-naħa tal-vittma, volontà ċara ta' kooperazzjoni. F'dan il-kuntest, jista' jitqies li l-perijodu ta' riflessjoni kellu l-effett utli tiegħu. Minn qari tal-Artikolu 8 tad-Direttiva 2004/81 nikkonstata li tali ċirkustanza mhux neċessarjament hija suffiċjenti għall-ħruġ ta' permess ta' residenza. Fil-fatt, skont l-Artikolu 8(1) u (2) ta' din id-direttiva, dan il-permess ta' residenza ma jistax jinħareġ ħlief jekk, minn naħa, il-persuna kkonċernata mhux biss tkun uriet volontà ċara ta' kooperazzjoni, iżda tkun qatgħet ukoll kull kuntatt mal-preżunti awturi tar-reat u fejn, min-naħa l-oħra, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jqisu opportun li jestendu r-residenza tal-persuna kkonċernata fuq it-territorju nazzjonali għall-finijiet tal-investigazzjoni jew tal-proċedura ġudizzjarja. Skont l-Artikolu 8(1) tal-imsemmija direttiva, din l-evalwazzjoni ssir "[w]ara l-iskadenza tal-perjodu ta' riflessjoni, jew iktar kmieni jekk l-awtoritajiet kompetenti huma ta' l-opinjoni li ċ-ċittadin tal-pajjiż terz ikkonċernat diġà [wera volontà ċara ta' kooperazzjoni]".

110. Ma hemm xejn li juri li Stat Membru jista', *ipso iure*, itemm il-perijodu ta' riflessjoni meta l-vittma turi l-volontà tagħha li tikkoopera. Għalhekk ma iniex konvint li t-tressiq ta' lment kontra l-awturi tar-reat huwa biżżejjed, fih innifsu, sabiex jintemm dan il-perijodu ta' riflessjoni, li għandu wkoll jippermetti lill-vittma, skont l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2004/81, tirkupra u taħrab mill-influwenza tal-awturi tar-reati [55].

111. Fit-tieni lok, fir-rigward tas-sitwazzjoni kuntrarja msemmija mill-qorti tar-rinviju li fiha ċ-ċittadin ta' pajjiż terz juri, qabel l-iskadenza tal-perijodu ta' riflessjoni, il-volontà tiegħu li ma jressaqx ilment kontra l-allegati awturi tar-reat, jista' effettivament jitqies li l-persuna kkonċernata ħadet deċiżjoni dwar il-kooperazzjoni tagħha u li, b'dan il-fatt, il-perijodu ta' riflessjoni pproduċa l-effetti tiegħu. Tali regola ma tiggarantixxix, fl-opinjoni tiegħi, il-protezzjoni tal-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin jekk ma tkunx akkumpanjata minn miżuri ta' viġilanza partikolari. L-Istat Membru għandu, effettivament, jiżgura, skont l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2004/81, li din id-deċiżjoni ttieħdet "b'mod informat" u li tirriżulta mill-volontà libera u informata taċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat, u mhux minn atti ta' intimidazzjoni jew ta' ritaljazzjoni li jista' għal darb'oħra jkun suġġett għalihom. Fil-fatt, infakkar li r-reat ta' traffikar tal-bnedmin huwa kkaratterizzat, minbarra mill-isfruttament tal-vittma, minn influwenza ekonomika u psikoloġika tal-awtur tar-reat fuqha, permezz ta' vjolenza fiżika u psikoloġika.

[55] Ara, ukoll, il-premessi 11 u 12 tad-Direttiva 2004/81 u l-premessa 18 tad-Direttiva 2011/36.

Sabiex jiġi żgurat l-effett utli tal-perijodu ta' riflessjoni, huwa għalhekk essenzjali li jiġi żgurat li dan il-perijodu ma jiġix imqassar b'mod inġust, filwaqt li l-vittma ma jkollhiex il-ħin la li tirkupra u lanqas li taħrab mill-influwenza tal-awturi tar-reat [56].

V. Konklużjoni

112. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tagħti s-segwenti risposti għad-domandi preliminari mressqa mir-rechtbank Den Haag (il-Qorti Distrettwali ta' Den Haag, il-Pajjiżi l-Baxxi):

1) Il-kunċett ta' "ordni ta' tneħħija" imsemmi fl-Artikolu 6(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 2004/81/KE tad-29 ta' April 2004 dwar il-permess ta' residenza maħruġ lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma vittmi tat-traffikar fi bnedmin jew li kienu s-suġġett ta' azzjoni għall-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali, li jikkooperaw mal-awtoritajiet kompetenti, għandu jiġi interpretat fis-sens li jkopri l-miżuri li permezz tagħhom ċittadin ta' pajjiż terz, vittma tat-traffikar tal-bnedmin, huwa kostrett jitlaq mit-territorju tal-Istat Membru li jinsab fih, bħala konsegwenza tal-eżekuzzjoni ta' deċiżjoni ta' trasferiment adottata skont ir-Regolament (UE) Nru 604/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali iddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida.

2) L-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 2004/81 għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi li, matul il-perijodu ta' riflessjoni previst fl-Artikolu 6(1) ta' din id-direttiva, l-Istat Membru jeżegwixxi deċiżjoni ta' trasferiment fir-rigward taċ-ċittadin ta' pajjiż terz, vittma tat-traffikar tal-bnedmin, lejn l-Istat Membru responsabbli mill-eżami tat-talba tiegħu għal protezzjoni internazzjonali, skont ir-Regolament Nru 604/2013.

   Min-naħa l-oħra, tali dispożizzjoni ma tipprekludix lil dan l-Istat Membru milli jadotta, matul dan il-perijodu, deċiżjoni ta' trasferiment jew miżura ta' tħejjija għall-eżekuzzjoni tagħha, sa fejn dawn il-miżuri ma jpoġġux indiskussjoni l-effett utli tal-perijodu ta' riflessjoni.

3) L-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2004/81 għandu jiġi interpretat fis-sens li, fis-sitwazzjoni li fiha ċittadin ta' pajjiż terz jinforma lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti li huwa vittma tat-traffikar tal-bnedmin, il-perijodu ta' riflessjoni jista' jibda mill-mument li fih dawn l-awtoritajiet iqisu li hemm, abbażi tal-informazzjoni kollha li għandhom, raġunijiet iġġustifikati biex jitqies li dan iċ-ċittadin jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva u jinformaw, konsegwentement, lil dan tal-aħħar dwar il-possibilitajiet offruti mill-imsemmija direttiva, skont l-obbligi li huma għandhom bis-saħħa tal-Artikolu 5 tagħha.

4) F'sitwazzjoni li fiha l-perijodu ta' riflessjoni previst fl-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2004/81 ma jkunx skada, Stat Membru ma jistax itemm, *ipso iure*, dan it-terminu, ħlief fis-sitwazzjonijiet espressament imsemmija fl-Artikolu 6(4) ta' din id-direttiva.

[56] Ara, ukoll, il-premessi 11 u 12 tad-Direttiva 2004/81 kif ukoll il-premessa 18 tad-Direttiva 2011/36.